**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Carmel Gauci**

Kaz Numru: 262/2018

Illum 20 ta' Novembru 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmel Gauci,** iben Joseph u Rita nee' Dimech, imwieled fis-6 ta' Dicembru 1955, residenti fil-fond numru 44, Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 68955(G), akkużat talli;

F'dawn il-Gzejjer u/jew fil-Konservatorju tal-Isqof, Skola Primarja, Rabat, Ghawdex nhar id-9 ta' Mejju 2018 u fix-xhur u s-snin ta' qabel bl-imgieba tieghu kkaguna lil OMISSIS il-biza' li ser tintuza vjolenza kontrieh, Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer u/jew fil-Konservatorju tal-Isqof, Skola Primarja, Rabat, Ghawdex nhar id-9 ta' Mejju 2018 ghall-habta ta' 13:15hrs ghad li kellu il-jedd li jwiddeb lil OMISSIS, hareg barra mill-qies, Artikolu 339 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer u/jew fil-Konservatorju tal-Isqof, Skola Primarja, Rabat, Ghawdex nhar id-9 ta' Mejju 2018 ghall-habta ta' 13:15hrs hebb ghal OMISSIS sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara, Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku ghamel reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet sottomissjonijiet:

Da parte tal-Ispettur John Spiteri ghall-Prosekuzzjoni (a fol. 158 et seq.);

Da parte ta' Dr. Anton Refalo ghad-difiza (a fol. 159 et seq.);

Da parte ta' Dr. Emanuel Mallia ghad-difiza (a fol. 163 et seq.).

Il-Qorti tat numru lill-imputazzjonijiet li pprezentat il-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat ghal aktar kjarezza meta tigi biex tanalizza u tiddeciedi fuqhom.

**IL-FATTI SPECIE TAL-KAZ**

Nhar l-Erbgħa, disgħa (9) ta' Mejju 2018 sar rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex minn Umberto Buttigieg u Lorella Gatt li aktar qabel mexxew workshops ghat-tfal ta' Year 4 u Year 5 fil-grawnd tal-iskola biex jaghmlu l-*kite flying*, fejn dawn allegaw li waqt li huma kienu fl-iskola tal-Konservatorju tal-Isqof tar-Rabat, Ghawdex il-kap tal-iskola Dun Karm Gauci kien sawwat tifel bl-isem ta' OMISSIS.

Il-Pulizija mill-ewwel bdiet bl-investigazzjonijiet tagħha b'rabta ma' dan il-kaz. Ġie wkoll infurmat il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Paul Coppini li min-naħa tiegħu immedjatament ordna il-ftuħ ta' inkjesta maġisterjali.

L-espert mediku **Dr. Michael Refalo** gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jezamina lill-minuri OMISSIS. Huwa ra lil OMISSIS fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex dakinhar stess li sehh l-allegat incident fis-

sebgha u nofs ta' filghaxija (19.30hrs). Tali ezami sar fil-presenza tal-genituri tieghu OMISSIS u OMISSIS u fil-presenza tal-Ispettur John Spiteri.

L-espert Refalo talab lill-minuri sabiex jaghtih il-verzjoni tieghu ta' x'gara u ma garax fl-iskola tal-Konservatorju, aktar kmieni f'dik il-gurnata.

Il-**minuri OMISSIS**[1] lill-espert mediku qallu li: *"Konna qed nilghabu jien u tifel iehor bil-ballun, tlajna fuq ghax konna se nippruvaw zifna, it-tifel l-iehor ixxutja il-ballun u l-girls gzawna lit-teacher meta jien kont bil-qieghda. Inzilna fejn il-Father u l-Father hadna fejn il-Years 3, 4, 5 li kienu qed itajru l-kites. Jien u t-tifel l-iehor konna qed nilghabu ma' xulxin il-loghba maghrufa bhala 'You'. Il-Father haseb li qed niggieldu, u mbaghad qalilna ejjew 'l hawn ghax ha nhabbatkom mal-hajt. Lit-tifel qallu biex ipoggi bilqieghda, u jien qalli biex noqghod gewwa. Imbaghad qarasli dahri, ghollieni minn xaghri u habbatli rasi mal-hajt (qed nuri fejn intlaqat-fuq mohhi)"*

Mill-ezami fuq il-minuri, rigward il-parti frontali tal-wicc fejn il-minuri allega li rasu giet imhabbta mal-hajt, ma ra la tbengil u lanqas hmura u lanqas feriti miftuha. Rigward ix-xaghar, l-espert spjega li ricenti l-minuri kellu bzonn operazzjoni. Kien hemm ferita tal-operazzjoni fuq il-qorriegha tar-ras li kienet ghadha qeghda tfiq. Din il-ferita kellha kumplikazzjoni minhabba infezzjoni u fil-fatt kien ghad jidhru s-sinjali ta' din l-infezzjoni. L-espert ma sab l-ebda xaghar maqlugh u l-ebda hmura u lanqas feriti jew tbengil fuq il-qorriegha tar-ras. Rigward id-dahar, Dr. Refalo lanqas ma sab

[1] A fol. 27

hmura, la feriti u lanqas tbengil. Huwa temm jghid li ma kien sab xejn fuq il-persuna tat-tifel.

**<u>Process ghandu jkun deciz fuq il-provi biss</u>**

Illi l-opinjoni pubblika hija importanti hafna biex ikun hemm demokrazija shiha f'pajjiz. Izda f'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu u ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.

Ikun skandaluz li l-Qrati taghna jiddeciedu l-kawzi li jkollhom quddiemhom skont pressjoni li ssir fil-media, kif sar f'dan il-kaz tant li kien hemm min mar, mhux biss kontra l-ordni tal-Qorti li l-kaz instema' bil-maghluq fl-interess tal-minuri u xandar dettalji li hargu u ma hargux f'dan il-process, izda bl-ardir jiddeskrivu xhieda ta' zewg persuni bhala "**<u>hija meqjusa bhala wahda b'sahhitha</u>**" meta se tkun il-Qorti li tanalizza x-xhieda li nghatat u tkun hi li tiddeciedi x'valur ghandha tinghata lil certu xhieda bl-ghodda li provda l-legislatur.

**<u>Il-Qorti hadet nota ta' dak li qalu l-gurnalisti li ntalbu jwiegbu ghan-nota tal-Prosekuzzjoni fejn il-Qorti kienet infurmata li kien hemm ksur tal-ordni tal-Qorti. Zgur mhux se tkun din il-Qorti li b'xi mod iggieghel lill-gurnalisti jikxu s-sors taghhom li nqeda bil-genwinita' taghhom u n-nuqqas ta' tahrig fil-qasam legali specjalment fejn jidhol process penali</u>**

**fil-qrati taghna biex ixxandru dawn ir-rapporti. Il-Qorti se taccetta l-ispjegazzjoni li taw ghan-nuqqas taghhom u filwaqt li twissi biex ikun hemm aktar attenzjoni fejn jidhol rappurtagg ta' processi kriminali, ghandu jkun hemm aktar tahrig lill-gurnalisti biex ikunu mhejjija aktar biex is-servizz li jaghtu lis-socjeta' taghna jkun skont l-etika tal-professjoni taghhom. Il-Qorti f'digriet li se jinghata separatament minn din is-sentenza se tidhol aktar fid-dettal dwar dan.**

Il-Qorti tirreferi ghad-diskors li ghamel il-President tar-Repubblika Taljan Sergio Mattarella fil-25 ta' Settembru 2018 lil Consiglio Superiore della Magistratura:

> *L'attenzione e la sensibilità agli effetti della comunicazione non significa – come tante volte è stato ricordato in tante sedi - orientare le decisioni giudiziarie secondo le pressioni mediatiche né, tanto meno, pensare di dover difendere pubblicamente le decisioni assunte.* ***La magistratura, infatti, non deve rispondere alle opinioni correnti perché è soggetta soltanto alla legge.*** *Sono invece doverose la credibilità e la trasparenza del suo agire, che possono essere rafforzate anche da un'adeguata comunicazione istituzionale.* [Enfasi ta' din il-Qorti.]

Illi tajjeb li Gudikant meta jkun qieghed jiddeciedi jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat izda l-Gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet sabiex

jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** dwar dan:

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***<u>Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion</u>*** (enfasi ta' din il-Qorti).

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et** moghtija fit-30 ta' Lulju 2009 fejn intqal:

> **"Hu appena necessarju jinghad li gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi biss skond dak li jkun jirrizulta mill-provi jew mill-atti tal-kawza <u>u li b'ebda mod ma jhalli li l-gudizzju tieghu jigi b'xi mod influwenzat minn konsiderazzjonijiet estraneji ghall-process</u>".**

Il-Qorti temmen bi shih dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-31 ta' Ottubru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Melchior Spiteri**[2]:

> *"madanakollu thoss illi ghandha tafferma illi l-indipendenza tal-gudikatura huwa wiehed mill-principji fundamentali tas-saltna tad-dritt."*

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu 12-il xhud kif gej:

*Dr. Jean Paul Grech (mhix traskritta), Spettur Bernard Charles Spiteri (a* fol. *69 et seq.), Dr. Michael Refalo (a* fol. *80 et seq.), Umberto Buttigieg (a* fol. *82 et seq.), Lorella Gatt (a* fol. *95et seq.), Marcell Tabone (a* fol. *102 et seq.), Joseph Vella (a* fol. *105 et seq.), Stephen Spiteri (a* fol. *109 et seq.), OMISSIS (a* fol. *117 et seq.), OMISSIS (a* fol. *122 et seq.), l-Ispettur John Spiteri (a* fol. *139 et seq.) u l-imputat Dun Karm Gauci (a* fol. *143 et seq.).*

**L-Ispettur John Spiteri**[3] xehed li:

> *Nhar id-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) kont irċevejt telefonata mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri fejn kien infurmani li kien daħal rapport li kien ġara inċident ġewwa l-iskola tal-*

---

[2] Att ta` l-Akkuza numru 10/2014 deciz mill-President tal-Qorti l-Prim Imhallef Joe Azzopardi u l-Imhallfin Joe Zammit Mckeon u Edwina Grima

[3] *a* fol. *139 et seq.*

*Konservatorju ġewwa r-Rabat, Għawdex. Meta staqsejtu x'tip ta' inċident kien huwa kien spjegali li kienu marru ġewwa l-għassa tar-Rabat, Għawdex ċertu Lorella Gatt u Umberto Buttigieg fejn dawn kienu qegħdin ġewwa l-istess skola minħabba xi attività li kien hemm bħala xi fund raising minn naħa tal-President ta' Malta. Dawn kienu spjegaw illi filwaqt illi kienu qegħdin fl-iskola huwa setgħu jinnutaw lis-surmast, dan kien proprju għal ħabta tas-siegħa u kwart ta' waranofsinhar (~ 1.15 p.m.) jirrabja ma' tifel, li wara irriżulta li dan it-tifel kien ċertu OMISSIS. Jiena kont infurmajt lill-Ispettur Bernard li kont ħa ninżel Għawdex u kont se nassistih f'din l-investigazzjoni. Huwa kien infurmani li kien diġà arresta lil Dun Karm Gauci, u proprju minn hemmhekk bdiet l-investigazzjoni tagħna. Dakinhar stess kont tkellimt mal-minuri u kont staqsejtu xi mistoqsijiet fil-preżenza tal-Ispettur ukoll u fil-preżenza tal-ġenituri li qed nagħraf ukoll preżenti f'din l-awla –*

*Mela tkellimt mat-tifel, dan kien spjegali illi, ikkonfera dan l-akkadut jiġifieri semmew dawn Lorella u Umberto, fejn kien qal li huwa, apparti li kien ikkonferma ukoll u kien ammetta li huwa tifel imqareb, hu spjega li kien qed jilgħab fil-ground u kien diġà qiegħed barra mill-klassi proprju għax il-behaviour tiegħu ma kinitx qiegħda sew dak il-ħin. Però mbagħad kienu marru fl-uffiċċju tas-surmast u s-surmast kien ħariġhom fejn kienet qed issir din l-attività. Dawn apparentement bdew jiġru wara xulxin u Dun Karm kien irrabja magħhom u tefgħhom f'xi kantuniera u qallhom biex ma jiċċaqalqux. Għal dan li qalilhom Dun Karm, dan it-tifel ma kienx obda. Bażikament imbagħad kien qalli li ta' dan kien mar avviċinah Dun Karm, kien ġibidlu xagħru, qabadlu rasu u ħabbatlu*

*rasu mal-ħajt. Beda jibki, kien spjegali li beda jibki u niżel kokka u xħin niżel kokka kien qarsu minn għonqu biex jitla' 'l fuq. Mistoqsi jekk kien qal lil ommu dwar dan kollu huwa kien spjega li wara l-iskola ma kienx qalilha għax kien spjega li kieku qalilha kien jispiċċa jlaqqat punishment ukoll mingħand ommu.*

*[...]*

*<u>Domandi tal-Parte Civile</u>:*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*Meta kellimt lit-tifel, Spettur, tista' tiddeskrivi lill-Qorti l-istat tiegħu kif kienet jekk jogħġbok?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, dak il-ħin it-tifel xħin kellimtu kien kommossjonat, kien kommossjonat għax fil-verità kif stajt nifhem jiena dan it-tifel ħaseb li din il-ħaġa spiċċat hemm, ġrat, kien diġà mar id-dar, aċċettaha, u ma ħasibx li xħin ħa jasal id-dar ħa jiskopri din il-biċċa tax-xogħol jerġa' ma' wiċċu. Xħin imbagħad ovvjament aħna l-pulizija tkellmu mal-ġenituri u ntalbu li jiġu l-għassa, hu beda jibża' li ħa jerġa' jlaqqat kastig għax hu kif qal lili, qalli, "jiena tifel imqareb ta." Qalli, "jien dejjem b'xi bawxata." Qalli, "ngħid lil ommi biex nerġa' nlaqqat kastig ieħor!"*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Imma din kif kien it-tifel –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Kien imbeżża' li ħa jerġa' jlaqqat kastig ieħor.*

L-**<u>Ispettur Bernard Charles Spiteri</u>**[4] xehed li:

*Nhar id-disgħa (9) ta' Mejju elfejn u tmintax (2018) kont infurmat mis-surġent PS 664 għal ħabta tat-tlieta ta' waranofsinhar (~ 3.00 p.m.) li kien ġew żewġ persuni li jaħdmu fl-uffiċċju tal-President ta' Malta ċertu Umberto Buttigieg u Lorella Gatt fejn dawn kienu qegħdin jirrappurtaw li huma kienu qegħdin jattendu xi attività l-iskola tal-Konservatorju, tal-primarja, għax kienu qegħdin jagħmlu xi attività lit-tfal jgħallmuhom kif itajjru l-kites, it-tajra, u li waqt din l-attività huma allegaw li kienu raw lis-surmast tal-iskola ċertu Dun Karm Gauci li qegħdin nagħraf hawn preżenti fl-awla li kien dan allegatament sawwat tifel fil-ground tal-iskola.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Sawwat jew ikkoreġa tifel?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Huma kienu qalu li rawh isawwtu. Huma qalu li rawh jagħti daqqiet f'rasu u f'dahru, bdew jgħidulna.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Itaptaplu jew itih daqqiet?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Lilna bdew jgħidulna daqqiet, tah b'rasu hekk u fuq dahru hekk. Qed ngħid kif bdew jagħmlulna dawn. Issa, huma qalulna li dan it-tifel kienu staqsew lil xi ħadd u kien qalilhom li jismu ċertu OMISSIS. Fid-dawl*

---

[4] *a* fol. *69 et seq.*

*ta' dan Sur Maġistrat jiena kont għidt lis-surġent biex jagħmel kuntatt mal-ġenituri tiegħu u dan it-tifel ġie l-għassa flimkien mal-ġenituri tiegħu, u kont għidtlu wkoll biex jibgħat għal Dun Karm u jiġi l-għassa. Dan it-tifel kien ġie l-għassa insomma, il-ġenituri ma kinux għadhom jafu x'ġara u ma ġarax u jien kont għidtilhom b'dan li kien sar rapport minn dawn il-ħaddiema tal-President fejn dawn qegħdin jallegaw li t-tifel tagħhom kien ġie msawwat mill-kap tal-iskola. Jiena fid-dawl ta' dan kont ukoll infurmajt lill-Maġistrat tal-għassa, il-Maġistrat kien Dottor Coppini, u kien ordna li jinħatar Dottor Michael Refalo bħala tabib biex jeżamina t-tifel. Fil-fatt dak kien eżaminah dakinhar stess għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (~ 7.00 p.m.) jew is-sebgħa u nofs (7.30 p.m.) insomma, dawk il-ħinijiet. U dan kien infurmani Dottor Refalo illi t-tifel ma kienx sablu ġrieħi fuqu. Biss, però jien ċertifikat jiena m'għandix tiegħu.*

*Li rrid ngħid Sur Maġistrat li lil Dun Karm konna żammejnih l-għassa. Sadanittant jien kont ukoll infurmajt lill-Ispettur tal-Vice Squad John Spiteri, dan kien ġie minn Malta u dakinhar stess nhar id-disgħa (9) ta' Mejju għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija (~ 8.30 p.m.) aħna konna ħadna stqarrija lil Dun Karm Gauci, li f'din l-istqarrija hu kien ċaħad li sawwat it-tifel, biss però jekk mhux sejjer żball kien qal illi kien qabdu minn xagħru u hekk, jekk mhux sejjer żball. Li qalilna, il-verżjoni hija mniżżla kollha l-istatement. Eħe, hu kien qalilna, "Jien kemm ġbidtlu x-xagħar, minn xagħru," u hekk beda jgħidilna, u dak il-ħin it-tifel ċaqlaq rasu għax beża' u ħabat rasu mal-ħajt. U dan qalilna ħabat*

*rasu mal-ħajt għax it-tifel kien qiegħed qrib ħafna tal-ħajt. U dak il-ħin peress li weġġa' beda jibki. Imbagħad hu qal li wara li dam ftit jibki, jien żammejtu ftit minn rasu u għidtlu, 'inti ħaqqek ftit.' Għax qal li qed itihom problemi ta' mġieba. Imbagħad Dun Karm kompla jgħid li "dak il-ħin niżel kokka u jien dak il-ħin għarraxtu ftit fuq għonqu." Imbagħad hu kien qalilna li "jidhirli li t-tifel kien diġà waqaf jibki." U Dun Karm kompla jgħid li "la qal 'aħħ!' u lanqas wera li qiegħed iweġġa'." Insomma din hawn il-verżjoni mniżżla tiegħu. Wara li tajnihielu jaqraha kien għażel ukoll li jiffirmaha*

<u>*Avukat Dr. Anton Refalo*</u>*:*
*Lit-tifel kellemtu?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Lit-tifel jiena kont kellemtu –*

<u>*Avukat Dr. Anton Refalo*</u>*:*
*Kif kien? F'liema stat kien?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*It-tifel kellemtu. Għall-ewwel ma riedx insomma jgħid xejn, imma mbagħad tani l-verżjoni tiegħu, qisu jew beda jiddejjaq jew hekk, għax ma riedx jitkellem għall-bidu, imbagħad kien qal li Dun Karm kien tah daqqiet ġo rasu.*

<u>*Avukat Dr. Anton Refalo*</u>*:*
*Kif kien? Beżagħan? Kif kien it-tifel?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*It-tifel kien kwiet, ma riedx jitkellem. Issa, jiena l-ewwel darba li rajtu. Imma mbagħad bdejt ngħidlu bil-football u hekk u aljenajtu, imbagħad qalli. Imma għall-ewwel ma ried jgħid xejn.*

***Kontro Eżami:***

*Avukat Difensur:*
*Spettur, ara hux qed nifhem sew, jiġifieri t-tifel jew il-ġenituri m'għamlu l-ebda rapport.*

*Ix-xhud:*
*Ara, Dottore, l-ewwel li kienu jafu bl-inċident mingħandi għax kienu għadhom ma jafux. Biss però mbagħad wara, biex inkunu ċari, urew interess f'li qed jiġri u ma jiġrix. Jiġifieri wara riedu jittieħdu proċeduri.*

*Avukat Difensur:*
*U t-tifel jiġifieri kien ħerqan biex imur jilgħab il-football.*

*Ix-xhud:*
*Iva kien.*

*Avukat Difensur:*
*U t-tabib ma sablu l-ebda ġrieħi.*

*Ix-xhud:*
*It-tabib lili infurmani li ma sablu l-ebda ġrieħi. Imma issa hawn it-tabib imħarrek u jixhed hu.*

**L-espert it-tabib Michael Refalo[5]** xehed li:

*Fid-disgħa (9) ta' Mejju ta' din is-sena (2018) jiena ġejt maħtur espert kliniku u forensiku mill-Maġistrat Dottor Paul Coppini biex neżamina lil OMISSIS, in konnessjoni ma' allegat każ ta' abbuż fiżiku fuq il-persuna tiegħu. Jiena smajt il-verżjoni ta' dak li ġara, eżaminajt lil OMISSIS, u jiena ikkonkludejt mill-eżami li għamilt ma jirriżultawx li*

[5] *a* fol. *80 et seq.*

*kien hemm xi sinjali ta' vjolenza fiżika fuq il-parti frontali tal-wiċċ jew fil-qorrija tar-ras jew fuq id-dahar.*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*
*Kif stajt tgħidu dan int?*

*Ix-xhud:*
*Għax eżaminajtu.*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*
*Issa, meta bniedem jagħtik daqqa b'idejh miftuħa, jkun hemm evidenza?*

*Ix-xhud:*
*Jekk id-daqqa tkun – mela, jekk id-daqqa tkun qawwija, jekk id-daqqa tkun qawwija tista' tħalli, fil-bidu tista' tħalli ħmura, tista' tħalli tbenġila, jiddependi l-qawwa tagħha.*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*
*U t-tifel kellemtu? X'qallek?*

*Ix-xhud:*
*It-tifel kellimtu, qalli, fost l-affarijiet li qalli, qalli, "il-Father ħaseb li konna qegħdin niġġieldu mbagħad qalilna 'ejjew hawn għax ħa nħabbatkom mal-ħajt.' Lit-tifel qallu biex ipoġġi bilqiegħda u jien qalli biex noqgħod ġewwa, imbagħad qarasli dahri, għollieni minn xagħri u ħabbatli rasi mal-ħajt." U t-tifel urieni fuq moħħu.*

Ix-xhud **Umberto Buttigieg**[6] xehed li:

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*
*Ara, tista' tgħid lill-Qorti l-ewwel nett x'inhu x-xogħol tiegħek jekk jogħġbok?*

---

[6] *a* fol. *82 et seq.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Mela, ix-xogħol tiegħi hu communications officer mal-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*Ara, din is-sena inti ġejt l-għassa tar-Rabat, Għawdex,*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Iva,*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*Flimkien ma' kollega tiegħek biex tagħmel rapport. Tista' l-ewwel nett tgħid lill-Qorti meta kien u x'kien wasslek biex tiġi tagħmel ir-rapport l-għassa tar-Rabat, Għawdex?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Kien id-disgħa (9) ta' Mejju, jiena u kollega tiegħi ġejna Għawdex flimkien ma' żewġ persuni oħra miċ-Chinese Cultural Centre li kienu qed juru kif tagħmel kites fl-iskejjel, proġett tal-Fondazzjoni, u morna fl-iskola Konservatorju tal-Isqof, il-primarja. Wara li konna għamilna s-sessjonijiet fil-klassijiet Year 4 u Year 5, morna, iż-żewġ klassijiet ħarġu fil-bitħa biex itajru l-kites għal ħabta tas-siegħa u għaxra (~ 1.10). Ftit wara jiena u l-kollega tiegħi konna qegħdin niġbru l-affarijiet tagħna fil-basktijiet taħt il-loġġa u dawwart rasi u rajt is-surmast tal-iskola jsawwat lil tifel mal-area ta' rasu, wiċċu u għonqu, upper chest spallejh.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*Ara, meta inti qed tgħid lill-Qorti rajtu jsawtu. Tista' tispjega lill-Qorti x'tifhem biha din?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Iva. Mela, xħin dawwart rasi l-inċident kien beda jiġifieri jiena ma rajtx mill-bidu, fil-punt li –*

*Il-Qorti:*
*Jiġifieri ma rajtx kif beda l-inċident.*

*Ix-xhud:*
*Ma rajtx kif beda l-inċident. Imma xħin dort is-surmast kellu idejh madwar ras it-tifel u beda ripetutament b'mod fast ħafna u vjolenti jagħti daqqiet madwar il-wiċċ, madwar l-għonq u l-ispallejn.*

*Il-Qorti:*
*Jiġifieri kif? Slap jew karate? Kif id-daqqiet kienu?*

*Ix-xhud:*
*Din in-naħa ta' idejh, mhux slap jiġifieri bis-swaba.*

*Il-Qorti:*
*Jiġifieri hekk, qisek qed toqtol fenek, biex niftehmu, hekk?*

*Ix-xhud:*
*Bil-wara tan-knuckes, hekk.*

*Il-Qorti:*
*Bħal meta tagħmillu hekk?*

*Ix-xhud:*
*Le. Kienu bil-wara tan-knuckle, hekk, mhux is-subgħajn.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*
*U mill-qrib, mill-bogħod?*

*Ix-xhud:*
*Mill-qrib, ripetutament b'mod fast li t-tifel –*

*Il-Qorti:*
*Kemm imma kien hemm?*

*Ix-xhud:*
*Eh! I can count at least għaxra (10). It-tifel beda nieżel,*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*
*Nieżel, x'jiġifieri?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Beda jitbaxxa u kien qed jibki. It-tifel beda jitbaxxa għax s'intendi d-daqqiet kienu ripetuti u intensivi u f'dak il-mument xħin it-tifel beda jitbaxxa jiena rajt lis-surmast jaqbad it-tifel minn wara ta' għonqu u jerġa' jiġbdu 'l fuq.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Minn xhiex, mill-qmis jew –?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Minn hawn.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Kemm kont 'il bogħod minnu int?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Xi żewġ metri (~ 2m), aħna konna taħt il-loġġa u hu kien ħdejn it-taraġ jiġifieri żewġ metri,*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Inti xħin rajt dan, kellemtu lis-surmast? Xħin rajt dawn l-affarijiet x'għamilt?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Le. Aħna –*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Jiġifieri ma mortx tgħidlu, "mhux hekk!" jew –*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Ngħidlek il-verità aħna konna ixxukkjati, konna, din seħħ fi ftit sekondi –*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Jiġifieri inti ma ġbidtlux l-attenzjoni, "x'int tagħmel!" jew hekk? Xħin rajt dawn l-affarijiet –*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Dak il-ħin ma kienx hemm ċans. Jiena, imbagħad morna ħdejn it-tifel xħin is-surmast kien telaq.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Ma kienx hemm ċans. Jiġifieri lis-surmast ma kellimtuhx u kellemtu t-tifel.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Morna nkellmu t-tifel għax it-tifel kien mal-art, rasu baxxuta, daru ma' bieb jibki. U aħna, jiena u l-kollega tiegħi, lit-tifel m'għidnilux fl-ebda punt li rajna l-inċident, fl-ebda punt, u staqsejnih biss għaliex kien qed jibki u x'ġara.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*U x'qalilkom għalxiex kien qiegħed jibki?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*It-tifel qalilna li kellu xi tip ta' argument ma' tifel ieħor u li spiċċa hu laqqat id-daqqiet. U l-kollega tiegħi quddiemi qaltlu, "iġġilidtu flimkien?" biex lit-tifel ma ndaħlulux –*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Ħsieb ħażin f'moħħu.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Eħe. Qaltlu, "iġġilidtu flimkien intom?" Qallha, "Le, is-surmast," Qallha, "il-Father."*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Iġġieldu bejniethom huma t-tnejn,*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Kellhom xi tip ta' argument, ma nafx x'kien.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Imbagħad kif daħal il-Father?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Għax it-tifel qal lill-kollega tiegħi, u jiena kont qribha, qallha, "le, il-Father, mhux iġġilidna bejnietna. Id-daqqiet ma laqqatthomx mingħand it-tifel, il-Father tahomli."*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*U inti meta qed tgħid rajt lis-surmast isawwat lit-tifel, dan is-surmast qed tarah hawnhekk fl-awla?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Iva.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Int kemm-il darba kont rajtu qabel is-surmast?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Konna rajnih –*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Eh, jiġifieri għalhekk taf min hu, mhux għax rajtu –*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Darba, xħin dħalt fl-iskola, morna fl-uffiċċju tiegħu u introduċiena.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Jiġifieri kont tafu qabel l-inċident.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Iva.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Għax rajtu qabel. Ok.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Iva. Għalhekk kont naf li s-surmast għax daħħalna fl-uffiċċju tiegħu u kellimnih.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*
*Għaliex qiegħed il-ħin kollu ssemmi "daqqiet"? qiegħed issemmi "daqqiet". Għaliex "daqqiet"?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Fis-sens fuq it-tifel?*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*
*Eħe.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Jiena, konna distanza pjuttost qrib u l-dak li rajt hu bin-naħa ta' wara tan-knuckles ripetutament, ma' wiċċu, ma' spallejh, u nerġa' ngħid it-tifel beda jitbaxxa, beda jipprova jevita d-daqqiet.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*
*Imbagħad qabdu minn għonqu wara? X'għamel?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Għax it-tifel beda jitbaxxa u rajt jiena s-surmast qabdu minn naħa ta' wara ta' għonqu u reġa' ġibdu 'l fuq.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*
*U x'għamel wara li ġibdu 'l fuq?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Jiena, qed ngħid, din ġrat fi ftit sekondi, l-unka ħaġa li niftakar wara dik hi illi s-surmast imbagħad qal lit-tifel biex, "oqgħod hemm!" It-tifel kien qiegħed mal-bieb tal-aluminium, niżel mal-art, rasu baxxuta, espressjoni vera hekk,*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*
*Int għalik dan ħaġa normali?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Eh,*

*<u>Avukat Difensur</u>:*
*Opinjoni Sur Avukat!*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Mhux opinjoni. X'ġara? M'hemmx opinjoni.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*
*Inti xħin rajt din ix-xena?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Jiena għalija –*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Mhux opinjoni.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*x'rajt jiena.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Inti ħassejt li kellek tirrapporta dak li rajt.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Iva.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*
*U għaliex ħassejt li kellek tirrapporta?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Għax jiena għalija kien hemm element ta' vjolenza li kien ċar. Għalija ma kinitx ħaġa li ssir la fi skola u la fid-dar u mkien iktar. Għalija kien hemm element ta' vjolenza illi kien ċar għax it-tifel kien qed jibki waqt l-inċident, kien qed jibki wara xħin morna nkellmuh aħna, u għalhekk ħassejt li kelli nirrapporta għax ma kinitx sitwazzjoni li għalija kienet tidher normali li għandha ssir fi skola.*

*<u>Kontro Eżami</u>:*

*Avukat Difensur:*

*Ara meta int wasalt l-iskola għidtilna ltqajt mas-surmast, le?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Eħe.*

*<u>Avukat Difensur</u>:*
*Mhux "eħe," ħu paċenzja għid iva ħalli.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Iva.*

Avukat Difensur:
*U kont taf fejn hu l-uffiċċju tiegħu.*

Ix-xhud:
*Iva.*

Avukat Difensur:
*Iva. Issa, int għidt li kont 'il bogħod minn dan żewġ metri.*

Ix-xhud:
*Iva.*

Avukat Difensur:
*Mela qed nitkellmu seba' piedi (7'), tmien piedi (8')? Kemm kontu? Ħu paċenzja, għax għadni m'inhix metriku jiena. Bejn wieħed u ieħor?*

Ix-xhud:
*Ma nafx sinċerament naqliblek mill-metri għall-piedi. Żewġ metri, tlett metri.*

Avukat Difensur:
*Kemm?*

Ix-xhud:
*Xi żewġ metri, żewġ metri u nofs.*

Avukat Difensur:
*Żewġ metri, żewġ metri u nofs.*

Il-Qorti:
*Minn hemm s'hawn?*

Ix-xhud:
*Bejn wieħed u ieħor.*

Il-Qorti:
*Bejn wieħed u ieħor minn hemm s'hawn.*

Ix-xhud:
*Iva.*

Il-Qorti:
*Jiġifieri qed jindika l-pedana fejn qiegħed jixhed u l-Qorti.*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*Allura, meta inti suppost rajt din is-sitwazzjoni makabra, m'għamiltx espressjoni, "aw, aw, Father! Ieqaf! X'inti tagħmel!" Għamilt xi espressjoni bħal din?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Ngħidlek il-verità l-unika espressjoni li ħarġet –*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*Jekk għamiltx jew m'għamiltx?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Le.*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*M'għamiltx.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Le. L-unika espressjoni li ħarġet kienet, jiena dort fuq il-kollega tiegħi u għidtilha, "ara madoffi x'inhu jagħmel!"*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*Sewwa. U għajjatt jiġifieri?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Le.*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*Le.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*I was shocked. I was very shocked.*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*Issa, mela qed tara din, taf fejn hu l-uffiċċju, u kellimt diġà lis-surmast – ma mortx tkellmu?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Ma morniex inkellmuh le,*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*Mhux "ma morniex." Mhux plural! Inti?*

*Ix-xhud:*
*Le, ma mortx.*

*Avukat Difensur:*
*Ma mortx.*

*Ix-xhud:*
*Ma mortx.*

*Avukat Difensur:*
*Inti dherlek li għandek tmur l-għassa imma lill-Father ma tkellmux, is-surmast!*

*Ix-xhud:*
*Jien nista' –*

*Avukat Difensur:*
*Jekk ngħidlek, għax qed jgħidli l-Father illi wara dan l-inċident intom ħriġtu barra, ħadtu ritratti ma' xulxin?*

*Ix-xhud:*
*Mhux vera.*

*Avukat Difensur:*
*Mhux veru?!*

*Ix-xhud:*
*Mhux vera.*

*Avukat Difensur:*
*Jiġifieri wara dan l-inċident –*

*Ix-xhud:*
*Ħriġna barra, li ħadna ritratti ma' xulxin le għax hu ma kienx barra.*

*Avukat Difensur:*
*Jiġifieri ma ħadtux ritratti ma' xulxin wara?*

*Ix-xhud:*
*Aħna bħala kollegi le.*

*Avukat Difensur:*
*Le, mhux intom it-tnejn. Intom mat-tfal, kien hemm is-surmast –*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*No, dak kien qabel.*

*<u>Avukat Difensur</u>:*
*Kien qabel.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Kien qabel li ġara l-inċident.*

*<u>Avukat Difensur</u>:*
*Issa, erġajt staqsejtek l-uffiċċju tiegħu ma mortx. Kien 'il bogħod minn fejn ġara l-inċident l-uffiċċju tiegħu?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Le, jiena ma naħsibx imma l-azzjoni –*

*<u>Avukat Difensur</u>:*
*Mhux ma taħsibx jaħasra! Wieġeb daqsxejn id-domanda tiegħi! Mhux ma taħsibx!*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Le, ma mortx jien, imma l-azzjoni m'għandhiex x'taqsam –*

*<u>Avukat Difensur</u>:*
*Kien 'il bogħod l-uffiċċju tiegħu? Qed insaqsik.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Le, ma kienx.*

*<u>Avukat Difensur</u>:*
*Ma kienx 'il bogħod.*

*Issa, inti tiftakar li xhedt darba oħra?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Jiena xhedt darba oħra fil-Qorti?*

*<u>Avukat Difensur</u>:*
*Eħe. Le, mhux il-Qorti; quddiem l-espert.*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Iva.*

*Avukat Difensur:*
*Iva. Id-diskrezzjoni li tajtu hija bħad-diskrezzjoni tal-lum?*

*Ix-xhud:*
*Iva.*

*Avukat Difensur:*
*Iva! Mela ħa ngħidlek x'għidtlu. Għidtlu, "kien qiegħed jagħti daqqiet ta' ħarta minn distanza kif tkun daqqa ta' ħarta. Kien qiegħed jagħti b'mod vjolenti – vjolenti –*

*Ix-xhud:*
*Eħe.*

*Avukat Difensur:*
*Le, s'issa l-kelma "vjolenti" qatt ma semmejtha xejn.*

*Ix-xhud:*
*Iva semmejtha ftit qabel.*

*Avukat Difensur:*
*Anzi s-Sur Maġistrat kien qiegħed isaqsik il-mod –*

*Ix-xhud:*
*Semmejtha ftit qabel, ftit ilu.*

*Avukat Difensur:*
*"b'mod vjolenti, mill-viċin, madwar ir-ras, il-wiċċ, l-għonq u madwar l-ispalel b'mod vjolenti."*

*Ix-xhud:*
*Iva.*

*Avukat Difensur:*
*Issa jekk ngħidlek li hawnhekk għandna espert li jgħid li meta tagħti bil-vjolenti tħalli marka u dan ma kellu l-ebda marka, int xi tgħid?*

*Ix-xhud:*
*Jiena ma nistax inkun nirrispondi tal-espert; jien nista' ngħid x'rajt u għalija l-atteġġjament, il-mod ta' kif is-surmast kien qiegħed jittratta lit-*

*tifel, kien hemm element ta' vjolenza fiha għax id-daqqiet kienu b'mod intensiv, it-tifel kien qed jibki, it-tifel prova jevita d-daqqiet, jinżel –*

*Avukat Difensur:*
*Dak li rrid mingħandek. Mela d-daqqiet kienu "vjolenti u intensivi".*

*Ix-xhud:*
*Iva.*

*Avukat Difensur:*
*Dawk l-aġġettivi tiegħek.*

*Issa, ħaġa oħra ukoll, meta mort l-għassa, int bqajt l-għassa?*

*Ix-xhud:*
*X'jiġifieri?*

*Avukat Difensur:*
*Meta mort l-għassa u għamilt ir-rapport, bqajt l-għassa sakemm ġie s-surmast?*

*Ix-xhud:*
*Le. Qalulna nitilqu.*

*Avukat Difensur:*
*Qalulkom biex titilqu. Jiġifieri ma dherlekx li għandek tibqa' hemmhekk biex anke forsi –*

*Ix-xhud:*
*Nista' ngħid li aħna, –*

*Avukat Difensur:*
*Mhux aħna! Inti!*

*Ix-xhud:*
*Xħin ħriġt 'il barra, xħin ħriġt barra, tifhem li jiena hemmhekk kont qiegħed responsabiltà ta' xogħol, xħin ħriġt 'il barra tkellimniha l-kollegi mad-direttur tagħna u qabel m'għamilna r-rapport l-għassa erġajna morna l-iskola biex nippruvaw inkellmu lis-surmast. Is-surmast ma kienx hemm.*

*Avukat Difensur:*
*Għax ovvjament kien l-għassa.*

*Ix-xhud:*
*Le, ma kienx l-għassa. Ma konniex għamilna r-rapport.*

*Avukat Difensur:*
*Jekk ma kontx inti –*

*Ix-xhud:*
*Ir-rapport kont għadni m'għamiltux; ma kienx l-għassa.*

*Avukat Difensur:*
*Allura d-direttur tiegħek, jekk jogħġbok,*

*Ix-xhud:*
*Iva,*

*Avukat Difensur:*
*Inti Għawdxi, hux hekk?*

*Ix-xhud:*
*Iva Għawdxi.*

*Avukat Difensur:*
*Dan il-Konservatorju taf fejn kien?*

*Ix-xhud:*
*Iva.*

*Avukat Difensur:*
*Kont taf li hu surmast qabel?*

*Ix-xhud:*
*Le.*

*Avukat Difensur:*
*Fil-Konservatorju?*

*Ix-xhud:*
*Le.*

Ix-xhud **<u>Lorella Gatt</u>**[7] xehdet li:

*Jiena naħdem bħala Professional Officer mal-President's Foundation for the Wellbeing of Society.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Ara, din is-sena inti ġejt l-għassa tagħmel rapport flimkien mal-kollega tiegħek l-għassa tar-Rabat, Għawdex. Tista' l-ewwel nett tgħid lill-Qorti meta kien? U għid naqra x'kien wasslek biex tiġi tagħmel dan ir-rapport. U agħti naqra l-ħinijiet u hekk ta' xħin ġraw l-inċidenti.*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Mela, kien id-disgħa (9) ta' Mejju. Ftit qabel l-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m.) wasalna fl-iskola primarja Bishop's Conservatory tar-Rabat, kellna nagħmlu hemmhekk żewġ workshops ta' kite making u wara li għamilnihom kellna noħorġu lit-tfal itajjru l-kites fil-bitħa tal-iskola. Waqt li t-tfal kienu qegħdin itajjru l-kites jiena u l-kollega tiegħi Umberto konna qed nerfgħu xi affarijiet fil-basket meta Umberto ġibidli l-attenzjoni u kif dawwart wiċċi rajt lill-Father Karm Gauci jerfa' idejh fuq student. Aħna dak il-ħin ma stajniex nemmnu x'kien qed jiġri u kif il-Father –*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Kważi sinkronizzati jiġifieri x-xhieda. Intom tkellimtu kif tridu tixhdu bejnietkom? Għax kważi eżatt qed tagħmel transcript ta' x'qal il-kollega tiegħek.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Aħna wara –*

---

[7] *a* fol. *95et seq.*

*Il-Qorti:*
*Le, għax din tal-ħasda u l-affarijiet huma eżatt.*

*Ix-xhud:*
*Tkellimna flimkien bilfors konna vera ixxukjati.*

*Il-Qorti:*
*Le, imma x'rajt dak il-ħin, ġibidlek l-attenzjoni hu. Issa hu qal ftit sekondi kien hemm. Jiġifieri sakemm ġibidlek l-attenzjoni ta' ftit sekondi kien għadu qed isawwtu jiġifieri?*

*Ix-xhud:*
*Iva, iva.*

*Il-Qorti:*
*Kompli.*

*Ix-xhud:*
*Kien qed itih fuq wiċċu u fuq rasu, juża idejh in-naħa ta' ġewwa. Imbagħad wara ftit waqaf u l-Father resaq, jiġifieri telaq minn hemmhekk. U t-tifel kien qiegħed jibki mal-art, kien qiegħed bilqiegħda qed jibki. Jiena dak il-ħin qisni ġejt bejn ħaltejn x'ħa naqbad nagħmel u mort inkellem lit-tifel. U lit-tifel staqsejtu x'ġara u għall-ewwel ma riedx ikellemni, baqa' jibki jibki. Imbagħad bqajt insaqsih "x'ġara? X'ġara?" u qalli, "dejjem jien naqlagħha." U b'subgħajh urieni – hu t-tifel kien qiegħed bilqiegħda mal-art quddiem bieb tal-ħġieġ u b'subgħajh urieni li kien hemm tifel ieħor. Jien dak il-ħin lit-tifel staqsejtu, "Iġġilidtu?" Qalli, "Dejjem jien inlaqqathom id-daqqiet." U jien għidtlu, "Min tak id-daqqiet?" Qalli, "Mhux il-Father!" Dak il-ħin jiena qomt –*

*Il-Qorti:*
*Qalilkom liema Father għax naħseb hemm iktar minn Father hemmhekk? Qalilkom liema Father?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Hu just qalli, "mhux il-Father!"*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*"Mhux il-Father!"*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Jiena dak il-ħin lit-tifel jiġifieri at any point ma għidtlu li rajt x'ġara. Ħriġt fil-bitħa u ċempilt ix-xogħol, għidtilhom x'ġara u ma ġarax, pruvajt inkellem lid-director, lil Dr Ruth Farrugia, biex nara x'għandi nagħmel. Sadanittant kulħadd qalilna biex nibqgħu kalmi u jekk jista' jkun noħorġu għax xogħlna hemmhekk kien lest, bqajna nistennew u Dr Farrugia qaltilna li ovvjament se jkollna nagħmlu incident report tax-xogħol ta' dak kollu li rajna u li għandna mmorru l-għassa biex nirrappurtaw. Jiena dak il-ħin għidtilhom, staqsejt, għidtilha, "nista' mmur lura u ngħid lill-Father x'rajt?" U hi qaltli li bħal speċi kienet deċiżjoni tiegħi. Dort lura lejn l-iskola, bil-karozza ovvjament għax konna diġà soqna, mort l-iskola, però l-Father ma kienx hemmhekk, jiġifieri nfetaħ il-bieb, staqsejt għalih u ma kienx għadu hemmhekk. U minn hemmhekk morna l-għassa għamilna r-rapport.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*Issa, inti għidt li rajt lit-tifel jissawwat. Tista' tispjega naqra lill-Qorti x'rajt u ma rajtx? X'tifhem biha din?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Mela, jiena kif dawwart wiċċi, it-tifel kien qiegħed jibki u l-Father kien qiegħed jagħti fuq il-wiċċ u fuq ras it-tifel, jużа fuq ġewwa ta' idejh, speċifikatament din il-parti, it-tifel beda jibki u prova jitbaxxa qisu biex jiskapula d-daqqiet, u l-Father anke qabdu minn wara ta' għonqu biex jerġa' jgħollih 'il fuq.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*U d-daqqiet, mill-qrib, mill-bogħod, kif kienu?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Bdew ġejjin miż-żewġ naħat, jiġifieri beda juża ż-żewġ idejn –*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*Tista' turi naqra lill-Qorti x'rajt, anke bil-movimenti ta' idejk, jekk jogħġbok?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Eħe, hu beda hekk, xi ħaġa hekk beda sejrin, u fuq ir-ras, però kienu jidhru li vjolenti. U l-Father kien jidher qisu qed jirrabja mat-tifel.*

*<u>Il-Qorti</u>:*
*Qisu qed jirrabja. Kompli.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*U smajtu jgħidlu xi kliem partikolari f'dak il-mument ta' dak il-ħin?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Beda jitkellem però jien ma stajtx nisma' x'kien qiegħed jingħad għax ovvjament kont daqsxejn 'il bogħod.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*Meta beda jitkellem? It-tifel? Il-Father?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Il-Father. It-tifel kien viżib–, stajt narah qed jibki jiena.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*U inti dan it-tifel sirt taf x'ismu u hekk it-tifel?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Jiena lit-tifel qatt ma staqsejt x'ismu; kien il-kollega tiegħi li staqsih x'ismu u l-kollega tiegħi li infurmani x'ismu t-tifel.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*
*U inti dan il-Father li qed issemmi, qed tarah fl-awla jekk jogħġbok?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*...*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*
*Għalik din ħaġa normali li rajt?*

*Avukat Difensur:*
*Domanda! Opinjoni!*

*Il-Qorti:*
*M'hemmx mhux normali u mhux hawn! Hawn fuq fatti. Mhux normali u mhux.*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*
*Dan l-inċident li rajt kemm dam sejjer bejn il-Father u t-tifel?*

*Ix-xhud:*
*Ma nistax ngħid eżatt kemm dam għax dak il-ħin tant inħsadt, ma pretendejtx li ħa nara dawn l-affarijiet. Meta tkun taħt xokk qisek –*

*Il-Qorti:*
*Jiġifieri inti ma rajtx l-inċident mill-bidu.*

*Ix-xhud:*
*Le, le, l-inċident kien diġà beda. Jien kif dawwart wiċċi, il-Father kien diġà qed jerfa' idejh fuq it-tifel. Però ma nistax ngħid fuq ħin eżatt.*

***Kontro Eżami:***

*Avukat Difensur:*
*Ara Sinjura, kemm għandek żmien jekk jogħġbok?*

*Ix-xhud:*
*Jiena għandi ħamsa u għoxrin (25).*

*Avukat Difensur:*
*Ħamsa u għoxrin sena. Issa, meta inti għidtilna illi ma stajtx tisma', għidtilna "għax kont 'il bogħod."*

*Ix-xhud:*
*Eħe.*

*Avukat Difensur:*
*Kemm kont 'il bogħod li ma stajtx tisma'?*

*Ix-xhud:*
*Kont 'il bogħod qisni 'l bogħod naħseb qisu metru u nofs, żewġ metri (~ 1.5m – 2m). Però dak il-ħin kien hemm ħafna tfal qegħdin jgħajjtu minn ġol-bitħa, jiġifieri kienu qegħdin itajjru t-tajr, kien hemm l-istorbju, ma kienx hemm kwiet silenzju. U għalkemm kien qed jintqal affarijiet, it-tifel kien qed jinstema' jibki u ma stajtx nisma' x'kien qed jingħad.*

*Avukat Difensur:*
*Sewwa. Issa, il-kollega tiegħek qalilna illi kien kumbinazzjoni li dawwar rasu u ra x'ra. U inti għidtilna li inti ġibidlek l-attenzjoni u dawwart rasek inti ukoll. Korrett dan?*

*Ix-xhud:*
*Iva.*

*Avukat Difensur:*
*Korrett. Issa, dawn inti ssejħilhom "daqqiet," però inti għamiltilna – jimporta terġa' tagħmel il-mossi kif rajt li kien qiegħed isir?*

*Ix-xhud:*
*Iva. Kien qed juża idejh ġewwa u beda jagħmillu hekk u ġo wiċċu, hekk fuq rasu, l-upper body, it-tifel beda jipprova jiskapula d-daqqiet u jitbaxxa u l-Father refgħu minn għonqu 'l fuq, hekk.*

*Avukat Difensur:*
*U dawn għalik jiġifieri huma – mhux għalik għax niġi għal opinjoni – inti rajt, l-entità ta' dawn id-daqqiet x'kienu? Kienu bil-mod? Vjolenti? Eċċessivi? X'kienu?*

*Ix-xhud:*
*Għalija kienu vjolenti anke l-fatt li l-Father kien qed jidher li qed jirrabja mat-tifel u qed imissu b'dak il-mod.*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*Jiġifieri għalik kienu vjolenti għax il-Father kien qed jirrabja jew vjolenti bħala stat ta' fatt għax rajt inti entità?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Jiena rajtu qed imissu, qed itih id-daqqiet.*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*Qed imissu, qed itih id-daqqiet.*

*Xejn iżjed mix-xhud. Eh, il-Father kontu kellimtuh fil-bidu?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Iva mela. Meta dħalna fl-iskola aħna ovvjament il-workshops għamilnih għax il-Father wera interess biex isiru dawn il-workshops. Il-Father laqagħna fl-iskola, tellagħna sal-klassi, laqqagħna mat-tfal, jiġifieri iva konna kellimnih.*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*Imma wara mort l-uffiċċju tiegħu wara?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Le, wara ma morniex l-uffiċċju –*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*Meta kont ixxukkjata, m'għajjatx pereżempju, "Hawn x'inti tagħmel! Ieqaf!"*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Le, dak il-ħin bix-xokk li kelli qisni iffriżajt.*

<u>*Avukat Difensur*</u>*:*
*L-istess bħal l-ieħor, bix-xokk li kellek –*

*Xejn iżjed mix-xhud.*

**<u>Missier il-minuri OMISSIS</u>** xehed:

*Jien mort għalih l-iskola u wara forsi ħames minuti, għaxra, li dam id-dar, ċempilli s-surġent, qalli, "għandek it-tifel jisma OMISSIS?" Għidtlu, "iva." Għidtlu, "x'ġara?"*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Ħalli nifhem sewwa. Jiġifieri inti mort għalih l-iskola.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eħe.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Issa, it-tifel waqt li kont – biex mort għalih l-iskola?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Bil-karozza.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Bil-karozza. Waqt li kont sejjer mill-iskola għad-dar, it-tifel qallek xi ħaġa li ġralu xi ħaġa?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, ma qallix, imma –*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Iva, issa, mela mbagħad ġejna, wasalna d-dar, u kellek it-telefonata mill-pulizija.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eħe. Issa, imbagħad qalli, lis-surġent għidtlu, "ma nafx b'xejn jien." Għidtlu, "ħa naqta', issa nerġa' inċempillek." U għidt lit-tifel, għidtlu, "x'ġara llum l-iskola?" Qalli, "is-surmast sawwatni." U dik kienet. Ma*

*qalli xejn għax jiena meta jiġri xi ħaġa ngħidlu, "jagħmillek sew," jew "tort tiegħek," dak l-iżball li nagħmel jien. Dak żball minn naħa tiegħi.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*U inti dan it-tifel dan il-kliem fi xħin qalulek? Qabel ma ġie l-għassa jew wara li ġie l-għassa?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Xhiex? Li sawwtu?*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Li sawwtu.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Xħin ċempilli s-surġent. Għax imbagħad staqsejtu. U s-surġent qalli, "ejja l-għassa issa għax l-Ispettur irid ikellmek." U f'dak il-każ kont int.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*U t-tifel kif deher? Kif deher xħin qallek hekk?*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Xħin għidtlu li bagħtu għalik l-għassa.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ghidtlu, "imxi ħa mmorru l-għassa." L-għassa, beża' bħalma jaf dan. Twerwer hemmhekk.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Ma riedx imur jiġifieri l-għassa.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Qalli, "aħjar ma mmorru xejn."*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Jiġifieri mhux hu ried li –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, imma xħin ra lill-pulizija –*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Imma mhux hu ried li jkun irrappurtat il-każ jew inkella bagħtek? Jiġifieri int sirt taf mill-għassa, mhux mit-tifel.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jien mill-għassa sirt naf.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*U sirt taf għax ċemplulek mill-għassa tgħidlu x'ġara, bħala missier sewwa għamilt, staqsejtu x'ġara.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*U din sa fejn taf inti, din kienet l-ewwel darba jew kien hemm xi okkażjonijiet oħrajn?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Meta kien iżgħar qal li sawtu biċ-cintorin u l-mara marret tkellmu, marret tkellmu u qallha, "għamiltlu naqra hekk, urejtu ċ-cintorin." Imma kien żgħir eh.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*M'għandikx data ta' meta ġrat din?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ta' meta ġrat ilu?*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Le, dik, eh.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Din t'issa?*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Le, mhux dik.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*U dik ilu, kien żgħir.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Għalhekk? Iktar?*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*U int xi ġrieħi rajt fuq it-tifel?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eżaminah it-tabib u ma dakx, imma ma jfissirx –*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Issa, mhux – inti, x'rajt int?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, jien ma rajtx ġrieħi eh.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*It-tifel ibagħti b'xi kundizzjoni?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*L-ADHD għandu, daqsxejn fuq tiegħu eħe, ADHD.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Naqra fuq tiegħu.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Fuq tiegħu eh.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Intom li hu naqra fuq tiegħu u li hu b'din il-kundizzjoni infurmajtuh lis-surmast u l-iskola?*

*Ix-xhud:*

*Iva jaf. Għandu l-karti kollha, psychologist u kollox. Minn meta kien Year 1 jew 2, ma nafx eżatt.*

*Il-Qorti:*

*Imma li bagħtu għalik il-pulizija fuq xi inċident u għax qalulkom bih kien dan biss, dan l-inċident biss.*

*Ix-xhud:*

*Dan. Qatt ma kelli trouble xejn bih.*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*

*Għandu xi kundizzjoni f'rasu?*

*Ix-xhud:*

*Għandu, dik twieled biha, ma nafx x'jgħidulha jien. Għandi l-karta hemmhekk. Twieled biha u xahar qabel konna operajnih. Hu ħareġ all right u infettatlu. U domt biex fejjaqthielu xahar.*

*Il-Qorti:*

*Imma mhux bil-kundizzjoni –?*

*Ix-xhud:*

*Le, mhux bid-daqqa. Imma jekk lagħbqhielu ġo rasu, hemmhekk kienet għadha ma fieqitx sew. U kien jaf hu.*

Ix-xhud **Stephen Spiteri**[8] xehed:

*Jiena impjegat bħala service manager fuq l-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex u delegat tal-Isqof għall-iskejjel tal-Knisja.*

---

[8] *a* fol. *109 et seq.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Issa, ara din is-sena ġejt mitkellem mill-pulizija rigward xi inċident.*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Inti tista' tgħid lill-Qorti x'kien l-involviment tiegħek f'dan l-inċident, kif dħalt fl-istorja?*

*Ix-xhud:*

*Jiena l-ewwel ma sirt naf bih, l-Isqof dakinhar kien imsiefer, u irċevejt messaġġ mingħandu, u dan hu kien irċevih mingħand Doctor, insejt x'kunjomha, mill-Uffiċċju tal-President kienet –*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Meta tagħid l-Isqof, l-Isqof ta' Għawdex.*

*Ix-xhud:*

*L-Isqof ta' Għawdex, Monsinjur Grech iva. Għaddieli messaġġ fuq Whatsapp, dakinhar kien imsiefer il-Kanada l-Isqof, qalli, "Stephen, irċevejt dan il-messaġġ. Ħu azzjoni fuqu." Jiena kont kellimt lill-persuna u dak li kien hemm fuq il-messaġġ qaltuli fuq it-telephone u l-ewwel ħaġa li għamilt jiena infurmajt lis-Safeguarding Commission tal-Kurja għax hija l-proċedura tagħna, għidtilhom, "aħna daħlet din l-allegazzjoni." Filgħaxija irċevejt bil-miktub mingħandhom, mingħand is-Safeguarding Commission, ittra biex jiena ninforma lill-Monsinjur Gauci li sakemm jibdew għaddejjin il-proċeduri ma jiġix l-iskola. L-għada filgħodu jiena infurmajtu b'din, ċempiltlu u nżilt inkellmu. Jiġifieri dak kien l-involviment tiegħi.*

*[...]*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Qed nurik dawn iż-żewġ dokumenti,*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva,*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*X'tista' tgħid dwarhom jekk jogħġbok?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Dan huwa dak id-dokument li bagħtulna s-Safeguarding Commission, dan bagħtuhuli email filgħaxija u filgħodu għaddejtulu –*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Dan id-dokument qiegħed jiġi immarkat bħala dokument SS1.*

*U d-dokument l-ieħor x'inhu jekk jogħġbok?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, sempliċement nota li għamilnielu mill-uffiċċju, mis-segretarjat li jimxi mal-ittra li għaddewlna s-Safeguarding Commission.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Dokument SS2.*

*Kontro Eżami:*

*Avukat Difensur:*

*Sur Spiteri, ir-Reverendu Monsinjur kemm kien ilu fil-kariga f'dik l-iskola?*

*Ix-xhud:*

*Sbatax-il (17) sena.*

*Avukat Difensur:*

*Sbatax-il sena. U jirriżultalek f'dawn is-sbatax-il sena jekk kienx hemm xi inċidenti?*

*Ix-xhud:*

*Dott, jiena ilni naf lill-Monsinjur Gauci mit-two thousand and ten (2010) meta ġejt impjegat bħala inco. Jiena sa fejn naf jiena x'ġara qabel, imma kemm ilni nafu jiena le u ma naf li xejn.*

*Avukat Difensur:*

*Sewwa. U għal domanda li għamillek is-Sinjurija Tiegħu, ngħid sew li 'l għada xi ħadd ikklirjalu l-iskrivanija kollha li meta mar hemm ma sab xejn mill-affarijiet kollha li kellu fl-iskrivanija u fl-uffiċċju tiegħu. Korrett dan?*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Avukat Difensur:*

*Korrett.*

*Il-Qorti:*

*Min għamilha din il-biċċa tax-xogħol?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jiena għamiltha Sur Maġistrat.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Le, li klirjajtlu l-mejda int?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva, iva. Għax jiena 'l għada, jiena kont inkwetat, 'il għada rridu nibdew, l-iskola trid tibqa' miftuħa,*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Iva, imma dan lanqas klerjajtuha fil-preżenza tiegħu? Jiġifieri f'sens tgħidulu "ejja" jew "ippakkja" jew "ħu l-affarijiet tiegħek."?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jiena hekk xtaqt Sur Maġistrat imma jiena l-instructions li għandi minn ta' fuqi ma ħallewnix nagħmel hekk. Jiena li għamilt –*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Imma ma jgħidulekx "mur ikklerja l-mejda" mingħajr il-preżenza tiegħu.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jiena li għamiltlu, Sur Maġistrat, qbadna l-files, il-karti li kellu, ma ermajnielu xejn lilu, iffajljajnielu kollox, ħallejnielu kollox hemm.*

*<u>Ri eżami</u>:*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Ara inti kont għidtilna li l-Isqof meta infurmak bil-każ, għaddielek li messaġġ.*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Tista' tgħidilna dan il-messaġġ, għandek kopja tiegħu?*

*Ix-xhud:*

*Iva, għandi,*

*Il-Qorti:*

*Imma issa mhux fuq il-mobile.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Mhux fuq il-mobile.*

*Ix-xhud:*

*Għax hu Whatsapp bagħtli.*

*Il-Qorti:*

*Imma issa din komunikazzjoni tal-Isqof miegħu?!*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Le, biex naraw x'kien hemm allegat.*

*Il-Qorti:*

*Qallu "mur investiga." X'qallek l-Isqof?*

*Ix-xhud:*

*Hekk hu. Nista' nurihulkom. Fil-fatt jekk nista' nsibu. Hu prattikament li għamilli forwarded il-messaġġ li irċieva hu mingħand Dr Ruth Farrugia.*

*Il-Qorti:*

*Eh, mela hekk, il-messaġġ wasallu u għamillek forward.*

*Ix-xhud:*

*Hekk hu. Imbagħad qalli, "I just got this message from Dr Ruth Farrugia. Please take action." U tani n-numru tagħha.*

*Il-Qorti:*

*Issa, Ruth Farrugia x'qaltlu lill-Isqof? La issa qed issemmiha.*

*Ix-xhud:*

*Mela, "Sorry to disturb you while you are away but ... I felt the need to contact you regarding an incident that happened a couple of hours ago at the Conservatory School. Two members of my staff were at an event there and witnessed Dun Karm hitting a ten year old boy on the head, face and body. Apparently the child shared that this was not the first time. My staff have filed a report at the police station as this is a criminal offence. I would appreciate knowing what steps you will be taking and to say that we are very willing to support you in any work to communicate the undesirability and illegality of corporal punishment. You may know that we, together with the Office of the Presidency are hosting a high level global conference precisely on this issue at the end of May. Her Excellency is updated as to the incident. Best regards, Ruth."*

*Avukat Difensur:*

*Inti kont fil-ground?*

*Ix-xhud:*

*Waqt il-ħin tal-inċident le, kont ftit qabel, imma mbagħad kien hemm xi ħaġa oħra fl-iskola fis-sekondarja; ma kontx preżenti le, jien ma rajt xejn.*

L-imputat **Dun Karm Gauci**[9] xehed:

> *Kien l-Erbgħa, id-disgħa (9) ta' Mejju, tifkira ta' San Ġorġ Preca, u ftit ġimgħat qabel dawn mill-uffiċċju tal-President bagħtulna email l-iskola biex jiġu jagħmlu attività ta' kite making. Orrajt? U jien aċċettajthom. Kellhom jiġu fil-ħdax (11.00) u fil-fatt ġew fid-disgħa (9.00). Flok m'għamlu lezzjoni lill-klassi waħda, għamlu lil żewġ klassijiet bil-patt li fis-siegħa (1.00) imbagħad it-tfal joħorġu fil-ground u jtajjru din il-ħamiema, din it-tajra – xejn speċjali. Ħadthom fil-klassi, għamlu d-demonstration, ġew kien hemm żewġ Ċiniżi, orrajt, ġew appost, iva, wieħed mill-Uffiċċju tal-Kultura, orrajt, Ċiniż, u l-ieħor Ċiniż apposta, espert fil-x'ismu, orrajt. U marru fil-klassi u jiena kont l-uffiċċju qed inżomm dawn iż-żewġt itfal kien hemm miegħi Fr. Effie Masini l-Assistant Head, kien hemm Stephen Spiteri li xehed hawnhekk. Tajjeb. xejn speċjali. Kilna, normali. Dawn iż-żewġt itfal kienu fl-uffiċċju miegħi għaliex l-LSA tagħhom kien qed jipprova lil tfal oħra għal xi attività oħra, qed nippruvahom fis-sala, u qalli, "isma', inkella ma nkunx nista' nippruvalhom, żommhomli ftit." "orrajt, mela le!" xejn speċjali. Iva. U xħin saret is-siegħa (1.00) jien għidt lit-tfal u lil dawk li kienu fl-uffiċċju, għidtilhom, "isma', ejja ħa mmorru fil-ground ħalli naraw l-attività, ħa narawhom it-tfal itajjru l-ħamiema." U morna fl-ground kollha kemm aħna. Iva. U jiena ħriġt fil-ground, dawn it-tfal kienu miegħi, mort fejn din Lorella Gatt, għidtilha, "isma', –" Għax dawn ħafna dettalji ma qaluhomx dawn; mort fejn Lorella Gatt, għidtilha,*

[9] *a* fol. *143 et seq.*

*"isma' Miss, int kilt xi ħaġa? Trid inġiblek panina?" Din qaltli, "le, le, għandi ta, għandi l-ilma ukoll." Orrajt. Orrajt. U bqajt fil-ground jien nieħu ritratti tat-tfal li qegħdin itajjru l-ħamiema u jilagħbu insomma, qsamt il-ground, mort in-naħa l-oħra, kien hemm it-tfal fuq it-taraġ, fuq it-taraġ tal-ground għidtilhom biex jinżlu li ma jaljenawx ruħhom u jaqgħu u jweġġgħu. U rieġa' lura mit-tarf l-ieħor tal-ground għal taħt it-tisqifa ngħidulu, fejn hemm il-loġoġ. Orrajt. Il-ġenituri jifhmuni x'qed ngħid. Iva. Dawn iż-żewġt itfal kienu miegħi, xejn speċjali, OMISSIS kien qiegħed jaqbad ftit mat-tifel l-ieħor, imma m'hemm xejn speċjali – m'hemm xejn speċjali – m'hemm xejn speċjali – m'għamel xejn dan it-tifel – avolja fil-gazzetta qalu li jiena għidt "ħaqqu t-tifel," dan id-diskors qatt ma għidtlu jien, ħafna gideb intqal.   Xħin erġajna lura rajt lil dawn iż-żewġt itfal ħa jaqbdu ftit ma' xulxin għidtilhom, "mala ara, intom wieħed joqgħod barra mill-boxxla u l-ieħor joqgħod ġewwa mill-boxxla. Daqshekk! Daqshekk! Wieħed kien quddiem qagħad in-naħa ta' barra u OMISSIS kien warajh, għax kien qed jipprova jinbxu ftit, daħal in-naħa ta' ġew. Daqshekk! Daqshekk l-istorja. OMISSIS kien qiegħed fil-boxxla, fejn kien hemm il-ħajt, kien hemm il-ħajt u jiena għamiltlu hekk, għidtlu, "isma', inti qed taqbad ta!"  Kemm kemm messejtu hekk.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Minn wara widnejh.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Għidtlu, "isma', inti," dan it-tifel biex ma nċanfrux, biex ma x'ismu, ġibed rasu u ħabat rasu kemm kemm, ħabat kemm kemm rasu mal-koxxa*

*tal-x'ismu, tajjeb? Dan id-diskors kollu. Orrajt. Xejn, it-tifel weġġa' ftit –*

*<u>Avukat Dottor Emanuel Mallia</u>:*

*Inti smajt – issa nitratta jien – inti smajt dawn iż-żewġ xhieda li qalu illi tajtu –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Assolutament! U t-tifel jaf li jiena ma tajtux. M'hu veru xejn. Kollu gideb. Kollu gideb! Qed ngħidlek jien! Sinċerament, naħlef fuq Ġesù Kristu li mhu veru xejn! Jien lit-tifel kulma għamiltu hekk. Imbagħad it-tifel ħabat rasu ftit mal-x'ismu u forsi weġġa' ftit, orrajt, ma jimpurtax. U jien, jien, dak il-ħin qbadtlu rasu hekk, għidtlu dawn il-kelmiet preċiżi, għidtlu, "tibżax," għidtlu, "dik tagħmillek tajjeb." U qbadtlu rasu hekk u –*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Qed jindika b'idejh it-tnejn –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Fuq rasu,*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Fuq rasu –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Messejtlu kemm kemm mill-ġdid rasu tal-x'ismu, tat-tieqa. Daqshekk. Darbtejn, darbtejn. It-tifel bejn l-ewwel darba u forsi t-tieni darba weġġa' forsi ftit u beka ftit. Niżel kokka biex, beda jibki, għax ma setax iżomm mal-ħajt, ma setax iżomm mal-ħġieġa, kien hemm it-tfal qegħdin jilgħabu, niżel kokka, u jien kulma għamilt għarraxtu kellu l-qmis*

*miftuħa minn wara, għarraxtu ftit fuq għonqu, għidtlu, "qum minn hemm, m'għandek xejn, isa." Daqshekk biss. Dik hi l-istorja kollha. Li sawwattu, li ġbidtlu x-xagħar –* ***assolutament*** *mhux veru xejn! Tant hu veru li t-tifel ftit sekondi wara, beka forsi ftit sekondi, ftit sekondi wara t-tifel qam u jiena komplejt ix-xogħol jiġifieri kien sar il-ħin biex it-tfal joħorġu, eh, qabel, kien hemm dawn iċ-Ċiniżi u xtaqu jieħdu r-ritratt. "Ejja ħa nieħdu ritratt." Nieħdu ritratt. U qagħdna nippożaw għar-ritratt. Il-biċċa hi li l-camera ta' dan iċ-Ċiniż damet ma ħadmitlu jew x'għamlet. U qagħdna nieħdu ritratt. Imbagħad sar il-ħin biex it-tfal joħorġu. U jiena ħsiebni fit-tfal, "isma', erfa' d-denb tal-x'ismu, erfa' d-denb tal-ħamiema." OMISSIS minn dak il-ħin qam minn postu, issieħeb mal-ieħor u telgħin fil-lift biex iġibu s-satchel.*

*<u>Avukat Dottor Emanuel Mallia</u>:*

*Orrajt Reverendu. Issa, wara dak, wara x-xogħol tiegħek fejn mort?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Allura wara x-xogħol. Jien bħalma nagħmel is-soltu. Jiena wara l-iskola s-soltu xħin nikklerja l-affarijiet noqgħod ftit nistenna, nara jkunx hemm xi tfal li l-ġenituri tagħhom ma ġewx għalihom, noqgħod nistenna, u fil-fatt nitlaq 'il barra, nitlaq 'il barra. Dakinhar kelli klassi tfal qegħdin jilagħbu fil-ground wara l-ħin tal-iskla, kelli l-LSA qed jieħu ħsieb it-tfal li jistennew il-ġenituri tagħhom fil-kċina u jien sar u assolutament ma kellix affarijiet, u tlaqt 'il barra. Nieħu żewġt itfal miegħi nwassalhom lejn Ta' Sannat u dakinhar wara l-iskola għaddejt l-istamperija, kelli ktieb ġbartu, għaddejt għand tal-pet shop ħallast xi kont għall-iskola.*

*<u>Avukat Dottor Emanuel Mallia</u>:*

*Imbagħad wara? Ħu paċenzja.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*U jien mort norqod, mort id-dar. Mort norqod id-dar.*

<u>*Avukat Dottor Emanuel Mallia*</u>*:*

*Issa, imbagħad qalulek biex tmur x'imkien?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Imbagħad jien tlajt norqod bħas-soltu, qisu ma ġara xejn – għalija ma kien ġara xejn – ġie l-pulizija, kienu qisu, it-tlieta (~ 3.00) kien qisu naħseb, jew neqsin ftit,*

*Qalli, "isma', ejja l-għassa għax għandek rapport." Rapport!? Biex!? Qalli, "għax dawk il-Maltin għamlulek rapport li sawwatt lit-tifel." U jiena, ħeqq, mort l-għassa, mort l-għassa, kien xi t-tlieta (~ 3.00), domt hemm sal-għaxra ta' billejl (10.00 p.m.), tajjeb? arrestat, ġew il-ġenituri ta' OMISSIS imbelgħin, għandhom raġun, it-tifel kien liebes, jekk niftakar sew, il-kit tal-isport.__Il-gear tal-football. Tajjeb? Il-gear tal-football, u ġew, għandhom raġun, imbelgħin, –*

<u>*Avukat Dottor Emanuel Mallia*</u>*:*

*U allura domt hemm sal-għaxra ta' billejl (10.00 p.m.).*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Sal-għaxra ta' billejl (10.00 p.m.).*

<u>*Avukat Dottor Emanuel Mallia*</u>*:*

*Issa, ħu paċenzja, 'il għada inti mort l-iskola? U jekk mort –*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*'Il għada filgħodu, 'il għada filgħodu, f'xi s-sebgħa (~ 7.00) jew ftit qabel ċempilli Stephen Spiteri, qalli, "isma' Dun Karm irrid inkellmek. Irrid*

*inkellmek." Qalli, għidtlu, "issa niltaqgħu l-iskola, u kellemni." Qalli, "le, mhux l-iskola!" Qalli, "ħa niġi d-dar." Għidtlu, "le, tiġix id-dar." Għidtlu, "kemm hi urġenti mela!" Qalli, "minħabba l-inċident tal-bieraħ," qalli, "int ma tistax tiġi l-iskola." Għidtlu, "ma nistax niġi l-iskola għaliex?!" Għidtlu, "qed tagħmilna ħati," jiena. Għidtlu, "int x'inhi l-kwistjoni?"*

Avukat Dottor Emanuel Mallia:

*Mort l-iskola mbagħad?*

Ix-xhud:

*Imbagħad mort ix-Xlendi, mort ix-Xlendi fil-knisja tax-Xlendi, ġie jiltaqa' miegħi x-Xlendi u ġabli n-nota minn tas-Safeguarding Commission li jiena ma nistax immur l-iskola. U ma mortx l-iskola. Ma mortx l-iskola. Aktar tard – suppost jiena ma mortx l-iskola – imma l-biċċa hi li dan Stephen Spiteri infixel għaliex kien hemm il-pagi li jridu jsiru, kien hemm l-eżamijiet tal-benchmark, kien hemm affarijiet oħra, ma setax jgħaddi mingħajri. Sewwa? Allura daħħalni l-iskola, kont nidħol l-iskola –*

Avukat Dottor Emanuel Mallia:

*X'sibt fil-kamra tiegħek jekk sibt xi ħaġa?*

Ix-xhud:

*Issa, il-pitgħada, il-pitgħada dan Stephen Spiteri ġab skip – u dan ma qalx li ġab skip hawnhekk, ma qalx li ġab skip – u kulma kien hemm fuq id-desk tiegħi u s-CDs li kien hemm u tal-concerts u x'naf jien,* ***rama'*** *kollox u kien skandaluż għat-teachers. Kien skan–, anke għat-tfal li bdew jibku xħin jaraw l-iskip. Il-Ġimgħa qed ngħid. Dan kien l-Erbgħa, il-*

*Ħamis kien x'ismu, u l-Ġimgħa ġab l-iskip u* ***rama'*** *kollox – rama' kollox.*

<u>*Avukat Dottor Emanuel Mallia*</u>*:*

*Inti fil-preżent fejn qiegħed?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Jiena fil-preżent qiegħed id-dar.*

<u>*Avukat Dottor Emanuel Mallia*</u>*:*

*Jiġifieri għadha tapplika l-famuża karta li irċevejt.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Jiena kienu issuġġerewli biex inkellem lill-avukat biex jirtira dan id-divjett u jien dakinhar – u jien imbagħad aktar tard iltqajna mas-Safeguarding Commission, ġie waħdu, ġie waħdu – għidt f'qalbi, "din mhix kummissjoni!" persuna waħidha kummissjoni!?*

<u>*Avukat Dottor Emanuel Mallia*</u>*:*

*Ħu paċenzja. Li rrid ngħidlek huwa dan: Inti kemm kien jonqsok biex tispiċċa dakinhar?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Le, jiena spiċċajt. Jiena bdejt bil-pensjoni minn Diċembru li għadda. F'Ottubru li għadda jiena bgħatt email lill-Isqof, lil Stephen Spiteri u lill-Assistant Head, għidtilhom, "isma', jekk Alla jagħtini s-saħħa jiena xahrejn oħra" – f'Ottubru tas-sena l-oħra – għidtilhom, "Jekk Alla jtini s-saħħa jien ħa nispiċċa bil-pensjoni. Jekk għandek lil xi ħadd li trid ngħaddilu l-informazzjoni, m'għandix diffikultà. Jekk għandek pjaċir li nibqa' l-iskola, jiena m'għandix diffikultà lanqas."*

*<u>Avukat Dottor Emanuel Mallia</u>:*

*U bqajt l-iskola.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*U bqajt l-iskola.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali u ohrajn ta' dritt li tqajjmu waqt dan il-kaz.

**Preliminari**[10]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali

[10] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq

tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat

u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Oneru tal-Prosekuzzjoni</u>**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**<u>Prezunzjoni tal-innocenza</u>**

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

> "*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico;* '*the accused is presumed innocent until proved guilty.*' "

**<u>L-ghodda biex tiddeciedi</u>**

Il-Gudikant jrid jaghzel il-verzjoni l-aktar kredibbli minghajr dubju dettat mir-raguni.

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-*

*gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[11]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** ***vs*** **Charles Bianco**[12] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

*Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma "jikkorregux" il-verżjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-*

---

[11] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

[12] Appell Kriminali Numru. 115/2006

*sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

*Illi skond l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Il- Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.*

Di fatti, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet hekk:

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".*

Illi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-*

*xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".*

L-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor huwa l-apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif kien hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta, id-dover tal-Qorti huwa li tasal ghad-decizjoni taghha kif se taghmel.

**<u>Opinjoni ta' espert</u>**

Il-Qorti se tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet fejn il-Qrati taghna trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9 li jitratta il-hidma tal-espert nominat mill-Qorti, u li min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghal fehma tal-espert kontra l-perswazzjoni tieghu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah**[13] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

*Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil-fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u*

---

[13] Appell Kriminali Numru. 124/2005

*ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l-perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skond gurisprudenza ormai pacifika*

> *difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) v. George Xuereb**[14] ippreseduta mill-Agent President Imhallef Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

> *"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"** (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u **"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"** (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (**artikolu 656 tal-Kap. 9**) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

[14] Appell Civili Numru. 24/2008/1

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-atti tal-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[15] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010 mill-Agent President Imhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

> *Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*
>
> ***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The***

---
[15] Appell Kriminali Numru 3333/2010

***significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[16] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw:

*Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9:* ***"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."*** *L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li* ***"kontra l-perswazjoni"*** *taghhom ma kienx ifisser* ***"kontra l-kapricc ta' mohhkom"*** *izda ghal raguni valida legalment.*

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg**[17] tat-13 ta' Lulju, 2006

[16] Appell Kriminali Numru 9/1996

deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

*Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*

***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali** [fit-test ingliz: **special knowledge or skill**], **ghandha tigi ordnata perizja."***
*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'* ***Blackstone's Criminal Practice 2001***[18] *, "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'* ***Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003***[19]*, King C.J. qal:*

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his***

[17] Appell Kriminali Numru 22/1997
[18] Para. F10.3 pagna 2120.
[19] Para. 10-65 pagna 1234.

***qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***

***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il-kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l-gudikant tal-fatt **"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"** (Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika.*

*Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl-odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il-kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

**Ir-relazzjonijiet tal-espert**

Kif inghad aktar 'il fuq l-opinjoni ta' espert wiehed jista' jirrispettaha izda ma jfissirx illi dak li jghid l-espert huwa dogma tal-fidi u ghalhekk l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi min ghandu jiggudika mill-fatti mhux marbut mal-konkluzzjoni tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu.

Il-Qorti kellha c-cans tara x-xhieda li ta l-espert mediku Dr. Michael Refalo u dan wara l-ezami li ghamel fuq il-minuri fil-prezenza tal-genituri u l-Ispettur John Spiteri.

Il-Qorti rat ukoll dak li jghid l-espert fil-medicina forensika Richard Sheperd fil-ktieb tieghu **Simpson's Forensic Medicine**[20] meta jitratta dwar Regional Injuries fuq il-gisem ta' persuna. L-espert rinomat jiddeskrievi x'tip ta' marki jhallu fuq partijiet varji tal-gisem meta jkun hemm xi tip ta' injuries.

**<u>Il-Qorti wara li rat ix-xhieda tal-espert mediku u dak li konstata fix-xhieda li ta lill-espert legali parti mill-process verbal tal-kazipprezentata f'dan il-process m'ghandhiex ghax tiddubita mill-konkluzzjoni li wasal ghalija l-espert</u> u dan wara li rat x'jipprovdi l-Artikolu 656:**

> *"Min għandu jiddecidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tiegħu."*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI SPECIFICI GHALL-KAZ**

Fil-komparixxi pprezentata fil-Qorti mill-pulizija din il-Qorti ntalbet titratta l-imputat bhala ufficcjal pubbliku minhabba l-impjieg li ghandu fi skola, liema skola mhix wahda tal-Istat imma tal-Knisja u dan skont ir-raba' (4) imputazzjoni kif innumerata minn din il-Qorti ghal kjarezza. L-avukat tal-*parte civile* sahaq li l-imputat huwa ufficcjal pubbliku tant li beda s-sottomissjoni finali tieghu dwar dan il-punt. Il-Qorti thoss li qabel tibda tanalizza l-provi u tara jekk dawn iwasslux biex tinstab htija jew le fil-

[20] Edizzjoni tal-2003 ippubblikat minn Hodder Arnold f'pagni 70 sa 77

konfront tal-imputat, se tanalizza u tara jekk l-imputat huwiex ufficcjal pubbliku jew le.

**<u>L-UFFICCJAL PUBBLIKU</u>**

Artikolu 141tal-Kodici Kriminali jghid li *"Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad."*

Fir-rigward ta' din id-disposizzjoni ara, fost ohrajn, Il-**Maesta` Tieghu r-Re v. Alfred Camilleri**, Qorti Kriminali, 15 ta' Dicembru, 1942, riportata f'Recent Criminal Cases Annotated (1943) tal-Imhallef William Harding, para. 35, pagna 70.

L-Imhallef Vincent Degaetano fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**[21] spjega:

> *"Biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-Artikolu 141 imsemmi, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' ligi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficjal jew*

[21] Deciza fis-17 ta' Lulju, 2002 Appell Nru 152/2002

*impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati)."*

Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid:

*"The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. ... It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed."*

Illi l-artikolu 92 imbaghad jiddisponi testwalment illi:

*"Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal-Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra."*

L-artikolu 124 tal-**Kostituzzjoni** jghid:

"*ufficjal pubbliku*" *tfisser id-detentur ta' xi kariga pubblika jew persuna maħtura biex tagixxi f'xi kariga bħal dik.*

*(2) F'din il-Kostituzzjoni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tfissirx xort'oħra, "is-servizz pubbliku" tinkludi servizz fil-kariga ta' mħallef tal-Qrati Superjuri, servizz fil-kariga ta' Awditur Ġenerali u Deputat Awditur Ġenerali, servizz fil-kariga ta' maġistrat tal-Qrati Inferjuri u servizz fil-kariga ta' membru fil- Korp tal-Pulizija ta' Malta.*

*(3) F'din il-Kostituzzjoni "is-servizz pubbliku" ma tinkludix servizz fil-kariga ta' -*
*(i) Prim Ministru jew Ministru ieħor, Segretarju Parlamentari, Speaker, Deputy Speaker, membru tal-Kamra tad-Deputati, membru ta' Kummissjoni mwaqqfa b'din il-Kostituzzjoni;*
*(ii) ħlief meta d-detentur tal-kariga jkun magħżul mis-servizz pubbliku, Ambaxxatur, Kummissarju Għoli jew rappreżentant ieħor prinċipali ta' Malta f'xi pajjiż ieħor; jew*
*(iii) ħlief safejn jista' jkun preskritt mill-Parlament, membru ta' xi kunsill, bord, lista, kumitat jew korp ieħor simili mwaqqaf bi jew skont xi liġi.*

Kap 497 l-**Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika** Art 2(1) jipprovdi li:

*"impjegat pubbliku" tinkludi uffiċjali pubbliċi u impjegati ta' aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern, u għall-fini tas-sezzjoni B, sezzjoni Ċ u l-paragrafu 27 tal-Kodiċi ta' Etika, persuna tkompli titqies bħala impjegat pubbliku għal tliet snin wara li tirtira, tirriżenja jew titkeċċa mill-impjieg pubbliku;*

*"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni, iżda għandha għall-finijiet ta' dan l-Att tinftiehem skont is-subartikolu (2);*

L-**Att dwar l-Edukazzjoni** Kap 327 jipprovdi:

*"uffiċjal" u "impjegat" jinkludu uffiċjal pubbliku mqabbad jaqdi dmirijiet f'xi entità imwaqqfa taħt dan l-Att;*

*"uffiċjal edukattiv" tfisser uffiċjal awtorizzat mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni biex jaqdi dmirijiet bħala parti mill-Ispettorat Edukattiv imwaqqaf bl-artikolu 18;*

*"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Mario Bonello) vs Carmel sive Charles Chircop**[22] deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono fejn spjega:

***Illi l-kwistjoni kollha quddiem din il-Qorti hija wahda ta' indoli purament legali u cioe' jekk "linesman" f'partita "football" hux persuna inkarikata minn servizz pubbliku ghall-fini tal-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali***

[22] Deciza fid-9 ta' Jannar, 2006 Appell Kriminali Numru. 248/2005

*jinvoka d-dispozizzjonijiet tal-Kap.263 biex javalla t-tezi tieghu w ghamel riferenza ghas-sentenza ta' Williams fuq imsemmija.*

*Ikkonsidrat ;*

*Li l-Kap 263 cioe' l-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players (Att XIX tal-1976) hi ligi specjali li l-ghan taghha hu dak dikjarat fit-titolu tal-istess ligi. Dan l-Att johloq reat li "ufficjal" jikseb jew jiftiehem li jaccetta jew jikseb jew jipprova jikseb, minnghand xi persuna ohra, tkun min tkun, xi rigal jew kumpens biex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga dwar xi loghba jew sport li fih jew dwaru jkollu x' jaqsam jew biex juri jew jezercita favuri kontra xi persuna jew naha f' xi loghba jew sport, jew biex jinfluwenza t-tmexxija jew ir-rizultat ta' xi loghba jew sport. Hu reat ukoll li xi hadd joffri tali kumpens ghall-istess ghan li xi ufficjal. (Art. 3 (2) u (3) ).*

*L-artikolu 2 tal-istess Att jiddefinixxi il-kelma "ufficjal" ("official" fit-test Ingliz) bhala li inkludi "referee, linesman, umpire, steward jew xi persuna ohra li tidderigi , tmexxi jew tissorvelja xi loghba jew sport"*

*Kjarament bir-regoli tal-interpretazzjoni wiehed ma jistax jiehu d-definizzjoni ta' "ufficjal" f'loghba jew sport f'din il-ligi*

*specjali biex jestendiha li tapplika ghall-kuncett ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarikata skond il-ligi minn servizz pubbliku fis-sens ta' ligi generali bhal ma hu l-Kodici Kriminali. Kull ma taghmel din il-ligi hu li tiddefenixxi ufficjali sportiv ghall-fini ta' prevenzjoni ta' korruzzjoni u xejn aktar. Ghalhekk l-argument mibni fuq analogija ma din il-ligi specjali li qed jigbed l-appellant Avukat Generali ma jreggix.*

*Illi ir-riferenza li saret ghas-sentenza ta' Williams umbaghad ukoll ma twassal imkien ghax f'dak il-kaz si trattava ta' prosekuzzjoni taht l-Ordinanza XXV tal- 1946 u l-Avviz tal-Gvern nru. 337 tal-1940 u cioe' ta' reat identiku ghal dak kontemplat fl-artikolu 3 (3) tal-Kap.263 illum vigenti u kull ma gie konfermat mill-Qorti tal-Appell f'dik il-kawza kien li r-referee kien ufficjal ghall-fini ta' dik l-Ordinanza.*

*Ghalhekk l-aggravju tal-appellant in kwantu hu bazat biss fuq dawn iz-zewg argumenti huwa infondat u bla ebda bazi guridika.*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-artiklu miktub mill-Imhallef Vincent Degaetano ghall-istudenti tal-Ligi fejn dahal fid-dettal fejn jidhol *public officer* u *public servant*:

*The difference between a public officer and a public servant may be stated as follows: a public officer is a person who is directly vested by the law with the authority to perform certain acts in the public service; a public servant is a person employed to perform certain functions but whose authority is not directly derived from the law. In practice the distinction if of no importance for the purposes of the Criminal Code since the expression used, ''public officer or servant" would cover everyone employed by or under the Government.*

*The Constitution, unlike the Criminal Code, does not distinguish between a public officer and a public servant. For the Constitution, everyone (public officer or public servant) is a ''public officer". It is true that the definition of a public officer (by reference to the definition of ''public office" and ''the public service") in s. 124 of the Constitution excludes military personnel. But that definition is only for the purposes of the Constitution,(and subsidiary legislation made under the authority of the Constitution, such as the Public Service Commission (Disciplinary Procedure) Regulations, 1977) and does not apply for the purposes of the Criminal Code.*

## L-AWTONOMIJA TAL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

Il-Qorti tinnota li waqt il-messaġġ waqt l-iffirmar tal-ftehim kollettiv bejn is-**Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija** u l-MUT[23], l-Arċisqof Charles J. Scicluna qal hekk: –

*L-ewwel nett l-apprezzament tiegħi u tal-Knisja f'Malta għax-xogħol li jagħmlu l-għalliema, kemm fl-iskejjel tal-Knisja kif ukoll fl-iskejjel kollha f'Malta indipendenti u statali. Inħoss li r-rwol tal-għalliema huwa rwol essenzjali għall-formazzjoni taċ-ċittadini. Huwa wkoll rwol li għandu bżonn jiġi rrispettat għaliex meta l-istudenti tagħna jitgħallmu jirrispettaw lill-għalliema tagħhom qed jitgħallmu lezzjoni importanti fil-proċess tas-soċjalizzazzjoni: qed jitgħallmu li s-soċjetà għandha bżonn gwida u li inti titgħallem tirrispettaha u qed titgħallem ukoll il-prinċipju importanti taċ-ċiviltà.*

*Nixtieq ukoll insellem lill-għalliema bis-sagrifiċċji kollha li jagħmlu biex jippreparaw għall-ħidma tagħhom konkreta u b'mod speċjali bl-interess uman li jieħdu fl-istudenti tagħna. Jiena għandi esperjenza diretta u nisma' wkoll esperjenzi pożittivi ħafna ta' għalliema li, meta jiltaqgħu mal-istudenti, jirrifjutaw li jaraw fihom numru, imma jaraw fihom persuni li għandhom bżonn attenzjoni partikolari. U hawnhekk nixtieq insellem lill-professjoni tal-għalliema għal dan il-kontribut, għall-well-being, għall-ġid tal-istudenti tagħna.*

[23] Fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana It-Tlieta, 7 ta' Awwissu 2018:

*[…]*

*Kif qal il-President tal-MUT, hemm bżonn li issa li wasalna għall-ftehim, wieħed iħaddmu b'sens ta' rieda tajba. Inħoss li wara kull ftehim, l-ewwel nett hemm id-dinjità u d-drittijiet tal-għalliema li huma, wara kollox, imsejħin biex jieħdu ħsieb l-aħjar ġid tal-istudenti. Din il-motivazzjoni li semma kemm-il darba l-President mhux biss tolqotni imma nixtieq infaħħarha, infakkarha, u nippromovuha flimkien.*

*L-aħħar punt li xtaqt nagħmel huwa li ħadt pjaċir ninnota—naf li n-negozjati qatt ma huma faċli u lanqas kienu faċli din id-darba—imma wasalna wkoll biex inkomplu nirrispettaw* ***l-identità u l-awtonomija tal-iskejjel tal-Knisja*** *li huma fihom infushom huma mmexxija minn kariżmi differenti, minn kongregazzjonijiet reliġjużi li għandhom storja partikolari, għandhom spiritwalità partikolari, imma jieħdu minn nixxiegħa waħda: l-ethos Kattoliku li wara kollox iħares lejn l-istudent bħala persuna umana bid-dinjità tagħha u li jħares lejn l-edukazzjoni bħala edukazzjoni fl-imħabba u fil-libertà; edukazzjoni li se tkun kontribut kbir għad-demokrazija f'kull pajjiż għaliex id-demokrazija tinbena fuq id-dinjità tal-persuna, fuq il-libertà tal-għażliet, u fuq kollox fuq l-impenn għall-ġid komuni li fil-konkret huwa espressjoni sabiħa tal-imħabba.*

Il-Qorti tinnota li Is-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija u l-MUT iffirmaw ftehim kollettiv ġdid biex bejn din is-sena u l-2022 ikun hemm parametri ċari li **jirregolaw il-prattiċi tal-iskejjel tal-Knisja**, kif ukoll kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol.

> Fr. Charles Mallia, mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika, qal li dan il-**ftehim jirrispetta l-identità, il-ħidma, u l-awtonomija tal-iskejjel tal-Knisja**, u se jgħin biex ikun hemm esperjenza edukattiva iktar ħolistika għall-istudenti ta' dawn l-iskejjel.
>
> Il-President tal-MUT Marco Bonnici spjega kif l-aħħar ftehim bejn iż-żewġ entitajiet kien 30 sena ilu, u għalhekk, kien hemm ħtieġa għal ftehim li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent ta' dawn l-iskejjel.[24]

Il-Qorti ghamlet enfasi dwar il-fatt li hemm awtonomija shiha fejn jidhlu Skejjel tal-Knisja u dawk tal-Istat tant li l-ftehim kollettiv li qeghda ssir referenza ghalih aktar 'il fuq huwa differenti mill-ftehim kollettiv li ffirmat l-MUT mal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Il-Qorti rat ukoll l-istatut tal-**Kunsill għall-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex**[25] fejn jiddeskrivi l-ghanijiet ta' dan il-Kunsill:

[24] Mill-istqarrija ghall-istampa dwar il-ftehim kollettiv
[25] Approvat nhar is-Sibt, 25 ta' Novembru 2008 mill-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech

*1.1. Il-Kunsill ikollu bħala għanijiet li:*

*a) iħares l-edukazzjoni fl-Iskejjel tal-Knisja fuq it-tagħlim u twemmin nisrani kif imfisser fid-dokumenti uffiċjali tal-Knisja, u jimxi fuq il-linji gwida u l-istruzzjonijiet li l-Isqof u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi jħabbru minn żmien għall-ieħor;*

*b) jaħdem biex iżomm l-Iskejjel tal-Knisja fuq quddiem fil-qasam tal-edukazzjoni, u* ***jaħdem id f'id mad-Diviżjoni u l-Ministeru tal-Edukazzjoni, mas-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija, u mal-Private Schools Association****;*

*c) iħares l-interessi speċifiċi tal-Iskejjel tal-Knisja u jieħu l-passi kollha meħtieġa biex iġib 'il quddiem dawn l-interessi;*

*d)* ***iżomm quddiem għajnejh dak kollu li jitolbu l-Att tal-Edukazzjoni, ir-regolamenti u l-linji gwida li jagħtu l-Ministeru u d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni****, il-Ftehim fuq l-Iskejjel tal-Knisja li sar bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta, u xi direttivi li s-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija jħoss li għandu jagħti fl-interess tal-Iskejjel tal-Knisja f'Malta u Għawdex.*

***4.0 Interessi***

*4.1 Għalkemm l-impieg tal-għalliema u tal-istaff anċillari hu responsabiltà tal-kapijiet tal-iskejjel li lilhom tkun ingħatat il-liċenzja tal-iskola,* ***<u>il-Kunsill għandu jara li l-ingaġġar isir skond il-linji u r-regolamenti li jiġu segwiti f'impiegi paralleli fl-iskejjel tal-iStat mill-Public Service Commission.</u>***

*4.2 Jekk jinqala' l-każ li jkun jitlob li tittieħed dixxiplina, jew tingħata sospensjoni, jew passi li jwasslu għal tkeċċija ta' xi membru tal-istaff ta' xi skola tal-Knisja, il-Kunsill għandu jara li l-proċeduri meħtieġa jiġu segwiti; inklużi dawk kif imfissra fil-Ftehim kollettiv bejn l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi u l-MUT. F'każijiet serji ta' dixxiplina l-iskola għandha tgħarraf lill-Kunsill kmieni kemm jista' jkun.*

*4.3 F'każijiet ta' dixxiplina ma' studenti, il-Kunsill għandu jara li kull skola għandha l-Kodiċi ta' Dixxiplina tagħha u li qed jiġi applikat. F'każijiet serji ta' dixxiplina l-iskola għandha tgħarraf lill-Kunsill.*

*4.4 Għalkemm id-dħul ta' tfal fl-iskejjel tal-Knisja jsir skond il-kriterji mħabbra u konfermati mill-Konferenza Episkopali u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, il-Kunsill għandu jara li l-proċedura li tiġi segwita tkun taqbel f'kollox mal-eżerċizzju rilevanti li jsir kull sena. Għandu jara wkoll li l-postijiet vakanti li jinqalgħu matul is-snin fl-iskejjel jimtlew fuq kriterji stabbiliti li jkunu magħmula pubbliċi mill-iskejjel stess.*

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet jirrizulta b'mod car li ghalliem jew surmast fi skola tal-knisja m'huwiex ufficcjal pubbliku u ghalhekk artikolu 141 tal-Kap 9 ma japplikax ghall-imputat li skont id-dokument esebit waqt ix-xhieda li ta l-ufficcjal ta' *Jobsplus* **Marcell Tabone**[26] li *"mill-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tal-elfejn (2000) huwa mnizzel bħala full time Headmaster, Bishop's Conservatory Primary School, Victoria"* juri li l-imputat meta sehh il-kaz investigat kien surmast fi skola tal-knisja u mhux fi skola tal-istat.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZI L-OHRA**

Il-Qorti se tghaddi biex tara u tiddeciedi dwar l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat:

**L-EWWEL IMPUTAZZJONI**

**Art. 251B tal-Kap 9**
**– Il-fastidju**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** fl-24 ta' April 2009 fejn intqal hekk:

> **"Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie**

[26] Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018

**evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:** *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* **L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:** *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear <u>on each of those occasions</u>..."* **(sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem** *'on each of those occasions'* **huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza,** *'on at least two occasions'***. Ghal xi ragunu – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem** *'on at least two occasions'* **thallew barra. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008[27]:**

[27] OUP, 2007

*" 'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*[28]

**"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal *'course of conduct'* ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B (1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali 'imgieba', haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz <u>f'din il-kawza</u> hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal *'course of conduct'* ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza**

[28] Para. B11.82, pp. 650-651. Ara wkoll il-kummenti u osservazzjonijiet f'paragrafu B11.91, p. 653.

**kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B (1) tal-Kap. 9."**

Fi kwalunkwe kaz ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B huwa ta' biza' "<u>li se tintuza</u> vjolenza" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi mill-provi hareg li dan si trattava ta' allegat incident wiehed li sehh fid-9 ta' Mejju 2018 li zgur mill-provi li hargu ma jistax jitqies li kien kaz ta' fastidju u wisq aktar li kien hemm xi *course of conduct*, allura l-imputat ma jistax jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 251B.

Ghalhekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjoni li huwa kiser l-artikolu 251B(1) tal-Kap. 9.

**IT-TIENI IMPUTAZZJONI**

**<u>L-artikolu 339(h) tal-Kap. 9</u>**
**<u>Jedd li twiddeb lil ħaddieħor, toħroġ barra mill-qies:</u>**

Fit-tieni imputazzjoni l-prosekuzzjoni xliet lill-imputat bil-kontravenzjoni dwar meta persuna li ghalkemm ghandha l-jedd li twiddeb lil haddiehor din

tohrog barra mill-qies.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li rraporta l-espert legali Dottor Jean Paul Grech fir-relazzjoni tieghu dwar il-kaz fejn dahal fid-dettal dwar l-elementi ta' din l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat:

> 1 L-għan ewlieni ta' din l-inkjesta huwa biex jiġi stabbilit jekk il-Kap tal-Iskola Dun Karm Gauci jistax jitqies li huwa abbuza b'mod vjolenti mill-minuri OMISSIS u dan billi refa' jdejh fuqu. Irid jigi stabbilit wkoll jekk kawza ta' dan l-incident il-minuri soffriex xi tip ta' feriti u jekk inhuwa l-kaz in-natura ta' dawn il-feriti.
>
> 2 Sabiex wieħed ikun jista' jitkellem minn responsabbilita` kriminali, wieħed irid iżomm f'moħħu r-rekwiżiti bażiċi dettati mill-massima legali *actus non facit reum, nisi mens sit rea*. Għall-fini ta' responsabbilita` kriminali, jeħtieġ li jkun hemm att ta' kommissjoni jew ommissjoni li minnu nniffsu huwa kontra l-liġi, u li jkun akkumpanjat minn xi forma ta' intenzjoni li kapaċi tattira s-sanzjonijiet penali. Hawnhekk ta' min jagħmel riferenza għal dak li jgħid il-Professur Anthony Mamo fin-noti tiegħu: *"The act alone does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these between as the material and formal*

*conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal condition, on the other hand, is the "mens rea" or guilty mind, with which the act is done. It is not enough that a man had done some act which, on account of its mischievous tendencies or results, the law prohibits: before the law can justly punish the act, an enquiry must be made into the mental attitude of the doer."*[29]

3 Ghandu jigi eskluz b'mod immedjat li Dun Karm Gauci ikkaguna xi feriti fuq il-persuna tal-minuri OMISSIS. Dan ghas-semplici raguni li minn ezami kliniku li sar minn Dr Michael Refalo ftit sighat biss wara li kien sehh l-allegat incident huwa ma irriskontra l-ebda tip ta' ferita jew marki ohra li setghu kienu kompatibbli ma' aggressjoni vjolenti li seta' soffra l-minuri. Li kieku giet kagunata xi ferita, din kienet tkun ghadha vizibbli ghaliex l-ezami mediku sar dakinhar stess. L-unika ferita li kellu l-minuri kienet ferita rizultat ta' operazzjoni li kienet ghadha ma fiqietx ghaliex kienet zviluppat infezzjoni. Dr Michael Refalo kien car hafna fid-deposizzjoni tieghu: "*Jiena ezaminajt wkoll lill-minuri u nghid li rigward il-parti frontali tal-wicc fejn l-minuri allega li rasu giet imhabbta mal-hajt, jiena ma rajt la tbengil u lanqas hmura u lanqas feriti miftuha. Rigward ix-xaghar, nghid li ricenti l-minuri*

[29] Profs A.J. Mamo, *Lectures in Criminal Law*, Vol. I pg 56, Published by the Law Students Society.

*kellu bzonn operazzjoni. Jidher li hemm ferita tal-operazzjoni fuq il-qorriegha tar-ras li ghadha qeghda tfiq. Din il-ferita kellha kumplikazzjoni minhabba infezzjoni u fil-fatt ghad jidhru sinjali ta' din l-infezzjoni. Izda ma sibt l-ebda xaghar maqlugh u l-ebda hmura u lanqas feriti jew tbengil fuq il-qorriegha tar-ras. Rigward id-dahar, nghid li l-istess la sibt hmura, la sibt feriti u lanqas tbengil. Jiena ma sibt xejn."*

4 Il-fattispecie tal-kaz ghalhekk jista' jinkwadra ruhu taht dak li jipprovdi l-artikolu 339(h) tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jistipula li persuna tkun hatja ta' kontravvenzjoni jekk *"ghad li jkollha l-jedd li twiddeb lil ħaddieħor, toħroġ barra mill-qies: iżda, biex jiġi evitat kull dubju, swat tal-ġisem ta' kull tip għandu dejjem jitqies li jkun barra mill-qies."*

5 Jidher li dan l-allegat incident sehh f'cirkostanza fejn it-tifel kien qieghed jigi ikkoregut mill-Kap tal-Iskola Dun Karm Gauci u li tal-agir tieghu t-tifel kien anke inghata penitenza. Indikazzjoni ta' dan jaghtih ix-xhud Umberto Buttigieg fid-deposizzjoni tieghu. Umberto Buttigieg xehed: *"F'dak il-punt mort nara Lorella fejn kienet fil-bitha. Bqajt xi zewg jew tlett metri 'l boghod mit-tifel. F'dak il-punt ghadda ragel li assumejt li kien ghalliem u staqsa lit-tifel x'kien qieghed jaghmel hemm, rasu baxxuta. Harget wahda bit-trolley tat-tindif mil-lift u lil dan ir-ragel qaltlu li t-tifel kien hemm penitenza mis-Surmast. Lil din il-mara jiena ma rajthiex waqt l-*

*incident. Jista' jkun li kienet hemm u jista' jkun li le. Dan kollu smajtu jiena b'widnejja"*

6 Bhala kap tal-Iskola u edukatur Dun Karm Gauci kellu dritt – anzi obbligu – li jikkoregi lill-wiehed mill-istudenti tieghu jekk dan ma kienx qieghed igib ruhu sew. Allahares naslu f'sitwazzjoni fejn ghalliem, kap tal-iskola, genitur jew persuna ohra li tkun responsabbli mill-minuri ma tkunx tista' tikkoregi minuri ghaliex jekk jaghmel hekk dak l-ghalliem, kap tal-iskola, genitur jew persuna ohra tista' titqies li hija hatja ta' reat kriminali. Jekk wiehed kellu jadotta tali atteggjament, dan mhux sejjer jawgura tajjeb ghas-socjeta` taghna. Inkunu qeghdin nirriskjaw li uliedna jitilghu bil-mentalita` li xejn m'hu xejn, u li anke jekk issir xi haga hazina minnhom jew ikun hemm nuqqas ta' ubbidjenza, dan ma jimpurtax ghaliex m'huwa sejjer jattira l-ebda sanzjoni. Wiehed hassieb kontemporanju jikkummenta b'riferenza ghat-trobbija tat-tfal li ahjar tifel joqghod hames minuti fil-kantuniera bhala kastig milli la jikber jispicca jqatta' xi hames (5) snin fil-habs!! Min-naha l-ohra imbaghad wiehed irid joqghod attent li ma jmurx l-estrem l-iehor u jikkastiga b'mod ahrax lil uliedu jew lit-tfal taht il-pretest tad-dixxiplina. Id-dixxiplina bhal kull haga ohra trid tigi adoperata fil-limiti taghha; imma lanqas ghandu jkun il-kaz li wiehed li juza d-dixxiplina jigi akkuzat li qieghed jikser xi disposizzjoni tal-Kodici Kriminali.

7 Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u ta' din l-investigazzjoni li qeghda issir, irid jigi stabbilit jekk jistax jinghad li Dun Karm Gauci fil-korrezzjoni tieghu tal-minuri eccediex il-qies. Il-ligi tistabilixxi wkoll li jekk ikun hemm swat tal-gisem allura ghandu awtomatikament jitqies li l-korrezzjoni marret barra mill-qies li suppost.

8 Fid-deposizzjoni taghhom kemm Lorella Gatt kif wkoll Umbrerto Buttigieg jaghtu impressjoni li sehh incident vjolenti hafna u li kien hemm swat eccessiv. L-esponenti ghandu dubji kemm jista' jinghad li verament kien hemm swat fuq il-persuna tal-minuri hekk kif deskritt minn dawn ix-xhieda u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Is-swat mhux xi karezza; jimplika daqqiet b'certu qawwa fuq il-persuna ta' xi hadd iehor u xi ftit jew wisq dawn id-daqqiet bil-fors li sejrin ihallu xi forma ta' marki fuq il-persuna. Li kieku kien hemm daqqiet vjolenti bin-knuckles bil-pala tal-id ta' Dun Karm Gauci skont kif jghid l-istess Umberto Buttigieg, ma jistax jkun li tali daqqiet ma hallew l-ebda marki jew l-ebda sinjal, imqar zghir jew inkella hmura. In-knuckles tal-id huma iebsin u allura bil-fors li dawn kellhom ihallu xi marka, aktar u aktar bil-mod ta' kif jiddeskrivi li sehh l-incident Umberto Buttigieg: "*Kien qieghed juza l-pala tal-id (in-Knuckles ta' wara).*

*Nghid li ma kienx qieghed jaghti daqqiet ta' harta minn distanza kif tkun daqqa ta' harta. Kien qieghed jaghti b'mod vjolenti daqqiet mill-vicin madwar ir-ras, il-wicc, l-ghonq u madwar l-ispalel. Dan sar ripetutament, tant li t-tifel beda jipprova jinzel kokka u jitbaxxa. F'dan il-punt Fr Gauci qabdu min-naha ta' wara ta' ghonqu b'qarsa."*;

(b) Fuq mistoqsija li saritilha, Lorella Gatt tixhed li t-tifel fl-ebda hin ma semma' li kien qieghed jugghu x'imkien. Ix-xhud kompliet tistqarr li immedjatament wara li Dun Karm Gauci kien telaq minn fejn it-tifel u hija marret tkellem lit-tifel hija ma innutatx xi hmura fuq il-persuna tat-tifel: *"Mistoqsija jekk x'hin kont qed inkellem lit-tifel innutajtx xi hmura fuq haddejh jew inkella fuq in-naha ta' wara tal-ghonq minn fejn jiena rajt lil Fr Gauci jaqbad lil dan it-tifel, nghid li jiena ma rajtx hmura la fil-haddejn tal-wicc u lanqas fuq in-naha tal-ghonq."* Dan wkoll jindika nuqqas ta' kuntatt fiziku b'sahha fuq il-persuna tal-minuri;

**9 Fid-dawl tal-premess, l-esponenti ghandu dubji kemm jista' jinghad li l-Kap tal-Iskola tal-Konservatorju Dun Karm Gauci ecceda l-qies hekk kif stabbilit mill-artikolu 339(h) tal-Kodici Kriminali u kemm ghalhekk tezisti bazi soda li abbazi taghha jistghu jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu.** [Enfazi ta' din il-Qorti].

Il-Qorti taghmel referenza ghal-linja gwida li jaghti d-Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-Ingilterra bl-isem ta' **Behaviour and discipline in schools Advice for head teachers and school staff** ippubblikat f'Jannar 2016

**Power to use reasonable force**

> *Members of staff have the power to use reasonable force to prevent pupils committing an offence, injuring themselves or others, or damaging property, and to maintain good order and discipline in the classroom.*

Fid-dokument tal-istess Dipartiment **Use of reasonable force Advice for headteachers, staff and governing bodies** ta' Jannar 2013 jiddeskrivi *reasonable force*:

***What is reasonable force?***

1. *The term 'reasonable force' covers the broad range of actions used by most teachers at some point in their career that involve a degree of physical contact with pupils.*
2. *Force is usually used either to control or restrain. This can range from guiding a pupil to safety by the arm through to more extreme circumstances such as breaking up a fight or where a student needs to be restrained to prevent violence or injury.*

3. *'Reasonable in the circumstances' means using no more force than is needed.*

4. *As mentioned above, schools generally use force to control pupils and to restrain them. Control means either passive physical contact, such as standing between pupils or blocking a pupil's path, or active physical contact such as leading a pupil by the arm out of a classroom.*

5. *Restraint means to hold back physically or to bring a pupil under control. It is typically used in more extreme circumstances, for example when two pupils are fighting and refuse to separate without physical intervention.*

6. *School staff should always try to avoid acting in a way that might cause injury, but in extreme cases it may not always be possible to avoid injuring the pupil.*

***Who can use reasonable force?***

- *All members of school staff have a legal power to use reasonable force.*
- *This power applies to any member of staff at the school. It can also apply to people whom the head teacher has temporarily put in charge of pupils such as unpaid volunteers or parents accompanying students on a school organised visit.*

***When can reasonable force be used?***

- *Reasonable force can be used to prevent pupils from hurting themselves or others, from damaging property, or from causing disorder.*
- *In a school, force is used for two main purposes – to control pupils or to restrain them.*
- *The decision on whether or not to physically intervene is down to the professional judgement of the staff member concerned and should always depend on the individual circumstances.*

***Schools can use reasonable force to:***

- *remove disruptive children from the classroom where they have refused to follow an instruction to do so;*
- *prevent a pupil behaving in a way that disrupts a school event or a school trip or visit;*
- *prevent a pupil leaving the classroom where allowing the pupil to leave would risk their safety or lead to behaviour that disrupts the behaviour of others;*
- *prevent a pupil from attacking a member of staff or another pupil, or to stop a fight in the playground; and*
- *restrain a pupil at risk of harming themselves through physical outbursts.*

***Schools cannot:***

*• use force as a punishment – it is always unlawful to use force as a punishment.*

L-**<u>Ispettur John Spiteri</u>** fis-sottomissjonijiet finali jghid:

*It-tieni imputazzjoni tgħid li "għad li kellu dritt li jwiddeb, ħareġ barra mill-qies." U l-proviso tal-kontravenzjoni tgħidlek, biex tkun ċara u biex ma jkun hemm ebda dubbju, "l-ebda forma ta' swat m'hu permess." Tajjeb? Jiġifieri hawnhekk qed nitkellmu li l-imputat stess qed jgħid li isma', hu biex iwiddeb kellu jkun jkun hemm jiġbidlu xagħru. Hawnhekk għandna sitwazzjoni, għalkemm kif qed ngħid din ħarġet barra mill-proporzjon, hawn xi ħadd li qatt ma ġibidlu xagħru mill-ġenituri? Le m'hawnx. Għax kulħadd b'xi mod xi darba għadda minnha. Jiena, nista' ngħid jiena fuqi, għaddejt. Inħossni vittma? Inħossni bniedem abbużat? Le. Imma huwa sewwa? It-tifel iddikjara hu stess li huwa tifel imqareb. Illum hawn il-mezzi kollha possibbli, hawn ħafna professjonisti biex tifel imqareb jiġi ikkontrollat b'mod professjonali. Qed ngħid li Dun Karm mhux professjonali? Sur Maġistrat, ippermettili lil Dun Karm jiena naf. Dun Karm huwa qassis li lili personali xprunani. Dun Karm huwa bniedem li edukani u naf min hu Dun Karm u naf l-intendimenti ta' Dun Karm. Però ma jfissirx, hawnhekk jiena l-iktar bniedem li qiegħed f'pożizzjoni diffiċli għax irrid nissalvagwardja dak li ġara lit-tifel għax hekk fid-dover*

*tiegħi li nagħmel, irrid nara lill-imputat hawnhekk li mhux darba, tnejn, tlieta, u jiena nħares lejn Dun Karm bħala persuna nħares 'il fuq, tajjeb? U hija pożizzjoni diffiċli. Però still, però still, li ġara hawnhekk kienet inċident żgħir that was blown out of proportion però qatt m'hu ġustifikat l-ebda forma ta' swat.*

**IT-TIELET IMPUTAZZJONI**

**<u>Il-paragrafu (e) tal-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.</u>**
**<u>– insulti u ingurja</u>**

Kwantu ghall-insulti, ossia ingurji, fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Vella** deciz fit-30 ta' April 2001 intqal:

> **"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252[30], il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi jridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata (*'with the object of destroying or***

[30] Dan l-artikolu 252 tnehha mill-Kodici Kriminali permezz tal-Att XI tal-2018. Dan sehh meta saret riforma fejn tidhol il-ligi tal-istampa wara diskussjoni li kien ilha ghaddejja s-snin biex jitnehha l-libell kriminali. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-Legislatur ingarr mal-kurrent u mas-sikrana spicca hasad il-qamh ukoll. Ma kien ghaqli xejn li l-Legislatur nehha dan l-artikolu mill-Kodici Kriminali. Din it-tip ta' ingurja ma kinetx marbuta mal-media, ghaliex kazijiet marbuta mal-istampa kienu jkunu processati permezz tal-Att dwar l-Istampa. F'artikolu 256 (1) tal-istess Kodici Kriminali kien jipprovdi li "fil-każijiet ta' inġurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, igħoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa." Wiehed kien irid idur ghall-Att dwar l-Istampa Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta li thassar permezz tal-Att XI tal-2018.

> ***damaging the reputation of any person'*, fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali."**

Dwar din l-imputazzjoni ma hareg xejn mill-provi pprezentati quddiem din il-Qorti u ghalhekk l-imputat se jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**KONKLUZZJONIJIET**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Brian Caruana** fit-23 ta' Mejju 2002 qalet li:

> **"Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."**

Rigward l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni huwa car hafna li l-prosekuzzjoni ma pruvatx il-kaz taghha, tant li l-Qorti ma tistax tifhem ghaliex inghataw dawk l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat. Dwar ir-

raba' (4) imputazzjoni l-Qorti diga' spjegat ghaliex l-imputat m'huwiex ufficcjal pubbliku.

Issa, fil-każ in eżami l-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'waħda dwar il-kredibilita` tax-xhieda li ta l-imputat f'dawn il-proceduri u x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni specjalment dak li xehdu Lorella Gatt u Umberto Buttigieg.

Il-verzjoni li tal-minuri OMISSIS lill-espert mediku mahtur fl-inkjesta *a tempo vergine* dakinhar stess tal-allegat incident ma taqbilx ma' dak li xehdu Umberto Buttigieg u Lorella Gatt.

Il-**minuri OMISSIS** jiddeskrivi dak li gralu hekk: "*Konna qed nilghabu jien u tifel iehor bil-ballun, tlajna fuq ghax konna se nippruvaw zifna, it-tifel l-iehor ixxutja il-ballun u l-girls gzawna lit-teacher meta jien kont bil-qieghda. Inzilna fejn il-Father u l-Father hadna fejn il-Years 3, 4, 5 li kienu qed itajru l-kites. Jien u t-tifel l-iehor konna qed nilghabu ma' xulxin il-loghba maghrufa bhala 'You'. Il-Father haseb li qed niggieldu, u mbaghad qalilna ejjew 'l hawn ghax ha nhabbatkom mal-hajt. Lit-tifel qallu biex ipoggi bilqieghda, u jien qalli biex noqghod gewwa. Imbaghad qarasli dahri, ghollieni minn xaghri u habbatli rasi mal-hajt (qed nuri fejn intlaqat-fuq mohhi)*".

**Umberto Buttigieg** xehed li "*Imma xħin dort is-surmast kellu idejh madwar ras it-tifel u beda ripetutament b'mod fast ħafna u vjolenti jagħti daqqiet madwar il-wiċċ, madwar l-għonq u l-ispallejn.*"

**Lorella Gatt** xehdet li "*Kien qed itih fuq wiċċu u fuq rasu, juża idejh in-naħa ta' ġewwa.*"

Il-Prosekuzzjoni naqqset li tharrek lil Dr. Ruth Farrugia li jidher li kellha rwol importanti f'dan il-kaz kif xehdet Lorella Gatt "*Ħriġt fil-bitħa u ċempilt ix-xogħol, għidtilhom x'ġara u ma ġarax, pruvajt inkellem lid-director, lil Dr Ruth Farrugia, biex nara x'għandi nagħmel. Sadanittant kulħadd qalilna biex nibqgħu kalmi u jekk jista' jkun noħorġu għax xogħlna hemmhekk kien lest, bqajna nistennew u Dr Farrugia qaltilna li ovvjament se jkollna nagħmlu incident report tax-xogħol ta' dak kollu li rajna u li għandna mmorru l-għassa biex nirrappurtaw. Jiena dak il-ħin għidtilhom, staqsejt, għidtilha, "nista' mmur lura u ngħid lill-Father x'rajt?" U hi qaltli li bħal speċi kienet deċiżjoni tiegħi. Dort lura lejn l-iskola, bil-karozza ovvjament għax konna diġà soqna, mort l-iskola, però l-Father ma kienx hemmhekk, jiġifieri nfetaħ il-bieb, staqsejt għalih u ma kienx għadu hemmhekk. U minn hemmhekk morna l-għassa għamilna r-rapport.*

U mix-xhieda ta' **Sandro Spiteri** fejn xehed kif l-Isqof talbu jinvestiga u jiehu passi *"Hu prattikament li għamilli forwarded il-messaġġ li irċieva hu mingħand Dr Ruth Farrugia. Imbagħad qalli, "I just got this message from Dr Ruth Farrugia. Please take action." U tani n-numru tagħha. Il-messagg ta' Ruth Farrugia kien jghid "Sorry to disturb you while you are away but ... I felt the need to contact you regarding an incident that happened a couple of hours ago at the Conservatory School. Two members of my staff were at an event there and witnessed Dun Karm hitting a ten-year-old boy on the head, face and body. Apparently, the child shared that this was not the first time. My staff have filed a report at the police station, as*

*this is a criminal offence. I would appreciate knowing what steps you will be taking and to say that we are very willing to support you in any work to communicate the undesirability and illegality of corporal punishment. You may know that we, together with the Office of the Presidency are hosting a high level global conference precisely on this issue at the end of May. Her Excellency is updated as to the incident. Best regards, Ruth."*

Il-Qorti ghandha wkoll ix-xhieda tal-esperti tal-Qorti t-tabib Michael Refalo u l-espert legali Dottor Jean Paul Grech.

L-**espert it-tabib Michael Refalo** kkonkluda li *"Jiena smajt il-verżjoni ta' dak li ġara, eżaminajt lil OMISSIS, u jiena ikkonkludejt mill-eżami li għamilt ma jirriżultawx li kien hemm xi sinjali ta' vjolenza fiżika fuq il-parti frontali tal-wiċċ jew fil-qorrija tar-ras jew fuq id-dahar.*

Il-Qorti taqbel mal-kumment tal-**espert Dottor Jean Paul Grech** u taghmlu taghha u dan anke fuq dak li ntqal aktar 'l fuq fuq dwar l-uzu tal-forza fl-iskejjel mill-ghalliema fil-linji gwida tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni Ingliz meta fir-relazzjoni tieghu ddikjara:

> *Bhala kap tal-Iskola u edukatur Dun Karm Gauci kellu dritt – anzi obbligu – li jikkoregi lill-wiehed mill-istudenti tieghu jekk dan ma kienx qieghed igib ruhu sew. Allahares naslu f'sitwazzjoni fejn ghalliem, kap tal-iskola, genitur jew persuna ohra li tkun responsabbli mill-minuri ma tkunx tista' tikkoregi minuri ghaliex jekk jaghmel hekk dak l-*

*għalliem, kap tal-iskola, ġenitur jew persuna oħra tista' titqies li hija ħatja ta' reat kriminali. Jekk wieħed kellu jadotta tali attegġjament, dan mhux sejjer jawgura tajjeb għas-soċjeta` tagħna. Inkunu qegħdin nirriskjaw li uliedna jitilgħu bil-mentalita` li xejn m'hu xejn, u li anke jekk issir xi ħaġa ħażina minnhom jew ikun hemm nuqqas ta' ubbidjenza, dan ma jimpurtax għaliex m'huwa sejjer jattira l-ebda sanzjoni. Wieħed ħassieb kontemporanju jikkummenta b'riferenza għat-trobbija tat-tfal li aħjar tifel joqgħod ħames minuti fil-kantuniera bħala kastig milli la jikber jispiċċa jqatta' xi ħames (5) snin fil-ħabs!! Min-naħa l-oħra imbagħad wieħed irid joqgħod attent li ma jmurx l-estrem l-ieħor u jikkastiga b'mod aħrax lil uliedu jew lit-tfal taħt il-pretest tad-dixxiplina. Id-dixxiplina bħal kull ħaġa oħra trid tiġi adoperata fil-limiti tagħha; imma lanqas għandu jkun il-każ li wieħed li juża d-dixxiplina jiġi akkużat li qiegħed jikser xi disposizzjoni tal-Kodiċi Kriminali.*

L-**imputat Dun Karm Gauci** spjega u deher ġenwin ħafna fix-xhieda tiegħu, deher sogħbien li karriera twila fil-qasam edukattiv li minn taħt idejh għaddew mijiet ta' studenti kellu jispiċċa jwieġeb akkużi kriminali quddiem il-qorti. Sinifikanti dak li qal il-Prosekutur l-Ispettur John Spiteri fis-sottomissjonijiet finali: *"kien inċident żgħir that was blown out of proportion".*

F'dar-rigward din il-Qorti tfakkar, li l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li **"ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta**

**minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar"**.

Din il-Qorti iggwidata b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali u minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz u l-provi prodotti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx din it-tieni (2) imputazzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ppproponiet l-Imhallef Consuelo Scerri Herrera fis-seduta inawgurali taghha tal-11 ta' Lulju 2018:

> "Forsi wasal iz-zmien sabiex tigi introdotta sistema ta' skrutinju aktar rigoruza sabiex ikunu biss dawk il-kazijiet *bona fede* li jersqu quddiem il-Qrati. Ghalkemm din hi proposta kontroversjali, **rajna kazijiet fejn il-prosekuzzjoni tressaq biex tilghab *safe*.** Dan fil-fehma tieghi m'ghandux ikun. Apparti t-trawmi li jghaddu minnhom dawk il-persuni u l-familji taghhom! In oltre, dan ghandu allura jtaffi il-piz li l-Qrati taghna moghmija bih fil-prezent. Mill-banda l-ohra, l-gustizzja tista' tigi servuta fejn misthoqq fi zmien aktar ragjonevoli. Dan in lineja mal-principju – *justice delayed is justice denied."* [Enfasi tal-Qorti]

Kieku f'pajjizna ghandna skrutinju aktar rigoruz sabiex ikunu biss dawk il-kazijiet *bona fede* li jersqu quddiem il-Qrati, kieku dan il-kaz ma kienx jispicca quddiem din il-Qorti.

Anke dak li xehdet l-omm **OMISSIS**[31] juri li ma kinux huma li heggew biex dan il-kaz jigi trattat quddiem il-Qrati:

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Intom minn naħa tagħkom tlabtu li jittieħdu passi kontra s-surmast jew ridtu xi ħaġa oħra? X'ridtu? Xi tridu intom mill-każ?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, aħna ma tlabna xejn. Aħna jiġifieri wasalna s'hawn permezz ta' dawn in-nies Maltin.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Eh, jiġifieri mhux intom irrappurtajtu jew tlabtu li jittieħdu passi kontra –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Mhux aħna. Jien tant li lanqas ġieni moħħi għassa u hekk li darba xi tlett snin ilu t-tifel qalli li s-surmast tah xebgħa ċintorin, bil-bokkla taċ-ċintorin, u jiena qatt m'għaddewli minn moħħi pulizija u hekk –*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Jiġifieri int mort kellimt lis-surmast.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Mort ngħid lis-surmast, għidtlu, "x'għamillek Father it-tifel?!" għax Father insibu, "biex tajtu xebgħa ċintorin?!" Qalli, "x'tajtu xebgħa ċintorin!" Qalli, "Ħollejtu naqra hekk u beżżgħajtu ftit bih." U t-tifel*

[31] Seduta tal-11 ta' Ottubru 2018

*qalli li riegħdlu idejh* ***bil-bokkla*** *taċ-ċintorin, minn naħa tal-bokka. U aħna l-ġenituri, ħeqq, ħeqq, iċċempel 179 jekk issawwat lil uliedek.*

Il-missier **OMISSIS**[32] jispjega:

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*U t-tifel kif deher? Kif deher xħin qallek hekk?*

*Il-Qorti:*

*Xħin għidtlu li bagħtu għalik l-għassa.*

*Ix-xhud:*

*Għidtlu, "imxi ħa mmorru l-għassa." L-għassa, beża' bħalma jaf dan. Twerwer hemmhekk.*

*Il-Qorti:*

*Ma riedx imur jiġifieri l-għassa.*

*Ix-xhud:*

*Qalli, "aħjar ma mmorru xejn."*

*Il-Qorti:*

*Jiġifieri mhux hu ried li –*

*Ix-xhud:*

*Le, imma xħin ra lill-pulizija –*

*Il-Qorti:*

*Imma mhux hu ried li jkun irrappurtat il-każ jew inkella bagħtek? Jiġifieri int sirt taf mill-għassa, mhux mit-tifel.*

*Ix-xhud:*

*Jien mill-għassa sirt naf.*

---

[32] Seduta tal-11 ta' Ottubru 2018

*Il-Qorti:*

*U sirt taf għax ċemplulek mill-għassa tgħidlu x'ġara, bħala missier sewwa għamilt, staqsejtu x'ġara.*

Dan il-kaz qatt ma kellu jasal ghand il-pulizija kif sar. Il-minuri kien trawmatizzat bl-esperjenza li jissejjah f'Ghassa tal-Pulizija meta hu, tant ma hassx li dak li gara fl-iskola affettwah, li lil missieru li gabru mill-iskola ma kien qallu xejn.

Il-kaz kellu jkun trattat bil-procedura li jipprovdi dwarha l-istatut tal-**Kunsill għall-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex:**

*4.3 F'każijiet ta' dixxiplina ma' studenti, il-Kunsill għandu jara li kull skola għandha l-Kodiċi ta' Dixxiplina tagħha u li qed jiġi applikat. F'każijiet serji ta' dixxiplina l-iskola għandha tgħarraf lill-Kunsill.*

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah.

**Il-Qorti tordna divjet fuq l-ismijiet tal-minuri u l-genituri tieghu minn kull mezz ta' pubblikazzjoni u xandir.**

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**